Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/123

tas-27 ta' Jannar 2020

li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

(ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/455 tas-26 ta' Marzu 2020	L 97	1	30.3.2020
►M2	Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/900 tal-25 ta' Ġunju 2020	L 207	4	30.6.2020

▼B

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2020/123

tas-27 ta' Jannar 2020

li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd li huma disponibbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni għal ċerti stokkijiet ta' ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet ta' ħut.

2. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) il-limiti tal-qabdiet għas-sena 2020 u, fejn speċifikat f'dan ir-Regolament, għas-sena 2021;

(b) il-limiti tal-isforz tas-sajd għas-sena 2020, ħlief il-limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness II, li ser japplikaw mill-1 ta' Frar 2020 sal-31 ta' Jannar 2021;

(c) l-opportunitajiet tas-sajd għall-perijodu mill-1 ta' Diċembru 2019 sat-30 ta' Novembru 2020 għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR;

(d) l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC stipulati fl-Artikolu 30 għall-perijodi fl-2019 u fl-2020 li huma speċifikati f'dak l-Artikolu.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti li ġejjin:

(a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni;

(b) bastimenti ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għas-sajd rikreattiv fejn għal tali sajd issir referenza b'mod ċar fid-dispożizzjonijiet rilevanti tiegħu.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "bastiment ta' pajjiż terz" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz u li huwa rreġistrat fih;

▼B

(b) “sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar bħar-rikreazzjoni, it-turiżmu jew l-isport;

(c) “ilmijiet internazzjonali” tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt l-ebda sovranità jew ġurisdizzjoni ta’ xi Stat;

(d) “qabda totali permissibbli” (TAC) tfisser:

(i) fl-attivitajiet tas-sajd li huma soġġetti għall-eżenzjoni mill-obbligu ta’ ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-kwantità ta’ ħut li tista’ tinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(ii) fl-attivitajiet tas-sajd l-oħra kollha, il-kwantità ta’ ħut li tista’ tinqabad minn kull stokk kull sena;

(e) “kwota” tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(f) “valutazzjoni analitika” tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, abbażi ta’ data dwar il-bijoloġija u l-isfruttar tal-istokk, li l-analiżi xjentifika indikat li hija ta’ kwalità biżżejjed biex abbażi tagħha jingħataw pariri xjentifiċi dwar l-għażliet għall-qabdiet futuri;

(g) “daqs tal-malji” tfisser id-daqs tal-malji tax-xbieki tas-sajd kif ġie ddefinit fil-punt (34) tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1];

(h) “reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni” tfisser ir-reġistru stabbilit mill-Kummissjoni f’konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(i) “ġurnal ta’ abbord dwar is-sajd” tfisser il-ġurnal ta’ abbord imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

▼M2

(j) “baga strumentata” tfisser baga mmarkata b’mod ċar b’numru ta’ referenza uniku li jippermetti l-identifikazzjoni ta’ sidha u mgħammra b’sistema ta’ rintraċċar bis-satellita biex timmonitorja l-pożizzjoni tagħha;

(k) “baga operazzjonali” tfisser kwalunkwe baga strumentata, attivata minn qabel, mixgħula u użata fuq il-baħar fuq irkaptu biex jinġemal-ħut (FAD) jew injam jgħum fil-wiċċ, li tittrażmetti l-pożizzjonijiet u kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli bħal stimi minn ekosonda.

▼B

Artikolu 4

Żoni tas-sajd

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni li ġejjin:

[1] Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta’ riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta’ ekosistemi tal-baħar permezz ta’ miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

▼B

(a) iż-żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 ([2]);

(b) "Skagerrak" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm għall-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża;

(c) "Kattegat" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre sa Gnibens Spids, minn Korshage sa Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved sa Kullen;

(d) "Unità Funzjonali 16 tas-subżona 7 tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li b'mod sekwenzjalili jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

— 53° 30' N 15° 00' W,

— 53° 30' N 11° 00' W,

— 51° 30' N 11° 00' W,

— 51° 30' N 13° 00' W,

— 51° 00' N 13° 00' W,

— 51° 00' N 15° 00' W;

(e) "Unità Funzjonali 25 tad-diviżjoni 8c tal-ICES" tfisser iż-żona tal-baħar ġeografika kkonfinata minn lossodromi li b'mod sekwenzjalili jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

— 43° 00' N 9° 00' W,

— 43° 00' N 10° 00' W,

— 43° 30' N 10° 00' W,

— 43° 30' N 9° 00' W,

— 44° 00' N 9° 00' W,

— 44° 00' N 8° 00' W,

— 43° 30' N 8° 00' W;

(f) "Unità Funzjonali 26 tad-diviżjoni 9a tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li b'mod sekwenzjalili jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

— 43° 00' N 8° 00' W,

— 43° 00' N 10° 00' W,

— 42° 00' N 10° 00' W,

— 42° 00' N 8° 00' W;

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

▼B

(g) “Unità Funzjonali 27 tad-diviżjoni 9a tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li b’mod sekwenzjalili jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

— 42° 00’ N 8° 00’ W,

— 42° 00’ N 10° 00’ W,

— 38° 30’ N 10° 00’ W,

— 38° 30’ N 9° 00’ W,

— 40° 00’ N 9° 00’ W,

— 40° 00’ N 8° 00’ W;

(h) “Unità Funzjonali 30 tad-diviżjoni 9a tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika taħt il-ġurisdizzjoni ta’ Spanja fil-Golf ta’ Cádiz u fl-ilmijiet tal-madwar ta’ 9a;

(i) “Unità Funzjonali 31 tad-diviżjoni 8c tal-ICES” tfisser iż-żona tal-baħar ġeografika kkonfinata minn lossodromi li b’mod sekwenzjalili jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

— 43° 30’ N 6° 00’ W,

— 44° 00’ N 6° 00’ W,

— 44° 00’ N 2° 00’ W,

— 43° 30’ N 2° 00’ W;

(j) “Golf ta’ Cádiz” tfisser iż-żona ġeografika tad-diviżjoni 9a tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-lonġitudni 7° 23’ 48″ W;

(k) “Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 ([3]);

(l) “iż-żoni tas-CECAF” (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant) huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]);

(m) “Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC” hija ż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Repubblika tal-Costa Rica ([5]);

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta’ Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta’ kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartiku u jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 3943/90, (KE) Nru 66/98 u (KE) Nru 1721/1999 (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta’ statistiċi ta’ qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f’ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

([5]) Konklużа permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta’ Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Repubblika tal-Costa Rica (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

▼B

(n) “Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku ([6]);

(o) “Żona ta’ Kompetenza tal-IOTC” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Ftehim għat-twaqqif tal-Kummissjoni għat-Tonn tal-Oċean Indjan ([7]);

(p) “iż-żoni tan-NAFO” huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]);

(q) “Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku ([9]);

(r) “Żona tal-Ftehim SIOFA” hija ż-żona ġeografika ddefinita fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan ([10]);

(s) “Żona tal-Konvenzjoni tas-SPRFMO” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta’ Riżorsi tas-Sajd f’Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku ([11]);

(t) “Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet tal-Ħut Migratorju Ħafna fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent ([12]);

(u) “ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering” hija ż-żona ġeografika tal-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering ‘il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom jitkejjel il-wisa’ tal-baħar territorjali tal-Istati kostali tal-Baħar Bering;

([6]) L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta’ Ġunju 1986 dwar l-Adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f’Parigi fl-10 ta’ Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

([7]) L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE tat-18 ta’ Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

([9]) Konkluża permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE tat-22 ta’ Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta’ Risorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

([10]) L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE tad-29 ta’ Settembru 2008 dwar il-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).

([11]) L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE tat-3 ta’ Ottubru 2011 dwar l-approvazzjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta’ Riżorsi tas-Sajd f’Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 67, 6.3.2012, p. 1).

([12]) L-Unjoni aderixxiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta’ April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta’ Stokkijiet ta’ Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

▼B

(v) “żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC” hija ż-żona ġeografika li hija ddefinita mil-limiti li ġejjin:

— il-longitudni 150° W,

— il-longitudni 130° W,

— il-latitudni 4° S,

— il-latitudni 50° S.

TITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI

KAPITOLU I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 5

TACs u allokazzjonijiet

1. It-TACs għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni jew f’ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni u l-allokazzjoni ta’ tali TACs fost l-Istati Membri, u l-kundizzjonijiet funzjonalment marbuta magħhom, fejn adatt, huma stipulati fl-Anness I.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni huma awtorizzati jistadu, fil-limiti tat-TACs stabbiliti fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament, f’ilmijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-attivitajiet tas-sajd tal-Gżejjer Faeroe, ta’ Greenland u tan-Norveġja, u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen, soġġett għall-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 18 u fil-Parti A tal-Anness V ta’ dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [13] u fid-dispożizzjonijiet ta’ implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 6

TACs li jridu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri

1. It-TACs għal ċerti stokkijiet ta’ ħut għandhom jiġu stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-istokkijiet huma identifikati fl-Anness I.

2. It-TACs li jridu jiġu stabbiliti minn Stat Membru għandhom:

(a) ikunu konsistenti mal-prinċipji u mar-regoli tal-PKS, b’mod partikolari mal-prinċipju tal-isfruttament sostenibbli tal-istokk; u

[13] Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta’ flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

▼B

(b) jirriżultaw:

(i) jekk tkun disponibbli valutazzjoni analitika, fl-isfruttament tal-istokk b'mod konformi mal-MSY mill-2020 'il quddiem, bl-ogħla probabbiltà possibbli; jew

(ii) jekk valutazzjoni analitika ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta, fl-isfruttament tal-istokk b'mod konsistenti mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd.

3. Sal-15 ta' Marzu 2020, kull Stat Membru kkonċernat għandu jippreżenta t-tagħrif li ġej lill-Kummissjoni:

(a) it-TACs li ġew adottati;

(b) id-data li nġabret u li ġiet ivvalutata mill-Istat Membru kkonċernat, li fuqha huma bbażati t-TACs li ġew adottati;

(c) id-dettalji dwar kif it-TACs li ġew adottati jikkonformaw mal-paragrafu 2.

Artikolu 7

Kundizzjonijiet għal ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali

1. Il-qabdiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art taħt l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk dawn:

(a) ikunu ttieħdu minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li jkollu kwota għalihom u dik il-kwota ma tkunx ġiet eżawrita; jew

(b) ikunu jikkonsistu minn sehem fi kwota tal-UE li ma tkunx ġiet allokata bil-kwoti fost l-Istati Membri, u dik il-kwota tal-UE ma tkunx ġiet eżawrita.

2. L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira f'limiti bijoloġiċi sikuri msemmija fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 huma identifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għall-finijiet ta' deroga mill-obbligu li jingħaddu l-qabdiet skont il-kwoti rilevanti stipulati f'dak l-Artikolu.

Artikolu 8

Mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti għal TACs għal qabdiet inċidentali inevitabbli fir-rigward tal-obbligu ta' ħatt l-art

1. Sabiex jittieħed kont tal-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u biex isiru disponibbli kwoti għal ċerti qabdiet inċidentali lil Stati Membri mingħajr kwota, il-mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti stabbilit fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu għandu japplika għat-TACs identifikati fl-Anness IA.

▼B

2. 6 % ta' kull kwota mit-TACs għall-bakkaljaw fil-Baħar Ċeltiku, il-bakkaljaw fil-Punent tal-Iskozja, il-merlangu fil-Baħar Irlandiż u l-barbun tat-tbajja' fid-diviżjonijiet 7h, 7j u 7k tal-ICES, u 3 % ta' kull kwota mit-TAC għall-merlangu tal-Punent tal-Iskozja, allokati lil kull Stat Membru, għandhom isiru disponibbli għal riżerva komuni għall-iskambji ta' kwoti, li għandha tiftaħ mill-1 ta' Jannar 2020. L-Istati Membri mingħajr kwota għandu jkollhom aċċess esklużiv għar-riżerva komuni tal-kwoti sal-31 ta' Marzu 2020.

3. Il-kwantitajiet li jittieħdu mir-riżerva komuni ma jistgħux jiġu skambjati jew ittrasferiti għas-sena ta' wara. Kwalunkwe kwantità mhux użata għandha tiġi rritornata, wara l-31 ta' Marzu 2020, lil dawk l-Istati Membri li jkunu kkontribwixxew inizjalment għar-riżerva komuni għall-iskambji tal-kwoti.

4. Il-kwoti pprovduti għandhom preferibbilment jittieħdu minn lista ta' TACs identifikati minn kull Stat Membru li jikkontribwixxi għar-riżerva komuni kif elenkat fl-Appendiċi mal-Anness IA.

5. Dawk il-kwoti għandhom ikunu ta' valur kummerċjali ekwivalenti billi tintuża rata tal-kambju tas-suq jew rati tal-kambju oħra li jkunu aċċettati b'mod reċiproku. Fin-nuqqas ta' alternattivi, għandu jintuża l-valur ekonomiku ekwivalenti f'konformità mal-prezzijiet medji tal-Unjoni tas-sena preċedenti, kif previst mill-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u l-Akkwakultura.

6. F'każijiet fejn il-mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti stabbilit fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu ma jippermettix li l-Istati Membri jkopru l-qabdiet inċidentali inevitabbli tagħhom sa grad simili, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jaqblu dwar skambji ta' kwoti f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, filwaqt li jiżguraw li l-kwoti skambjati jkunu ta' valur kummerċjali ekwivalenti.

Artikolu 9

Limiti tal-isforz tas-sajd fid-diviżjoni 7e tal-ICES

1. Għall-perijodi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2), l-aspetti tekniċi tad-drittijiet u tal-obbligi relatati mal-Anness II għall-ġestjoni tal-istokk tal-lingwata fid-diviżjoni 7e tal-ICES huma stabbiliti fl-Anness II.

2. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, talloka lill-Istat Membru rikjedenti, numru ta' jiem fuq il-baħar addizzjonali għal dawk imsemmija fil-punt 5 tal-Anness II, li fihom bastiment jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu biex ikun preżenti fid-diviżjoni 7e tal-ICES meta jkun qed iġorr abbord kwalunkwe rkaptu regolat, abbażi ta' tali talba minn dak l-Istat Membru, f'konformità mal-punt 7.4 tal-Anness II. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 53(2).

▼B

3. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, talloka lil Stat Membru rikjedenti massimu ta' tlett ijiem bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Jannar 2021 addizzjonali għal dawk imsemmija fil-punt 5 tal-Anness II, li fihom bastiment jista' jkun preżenti fid-diviżjoni 7e tal-ICES abbażi ta' programm imtejjeb tal-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi kif imsemmi fil-punt 8.1 tal-Anness II. Tali allokazzjoni għandha ssir fuq il-bażi tad-deskrizzjoni ppreżentata mill-Istat Membru f'konformità mal-punt 8.3 tal-Anness II u wara konsultazzjoni mal-STECF. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 53(2).

Artikolu 10

Miżuri għas-sajd tal-ispnotta Ewropea

1. Huwa pprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, kif ukoll għal kull tip ta' sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt, li jistadu għall-ispnotta Ewropea fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES, u fis-subżona 7 tal-ICES. Huwa pprojbit li l-ispnotta Ewropea li tinqabad f'dik iż-żona tinżamm, tiġi trażbordata, tiġi rilokata jew tinħatt l-art.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, f'Jannar 2020 u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2020, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES u fl-ilmijiet fit-12-il mil nawtiku mil-linji bażi taħt is-sovranità tar-Renju Unit fid-diviżjonijiet 7a u 7g tal-ICES jistgħu jistadu għall-ispnotta Ewropea, u jżommu, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnotta Ewropea maqbuda f'dik iż-żona bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti segwenti:

(a) bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ ([14]), għal qabdiet inċidentali inevitabbli li ma jaqbżux 520 kilogramma kull xahrejn u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi marini abbord maqbuda minn dak il-bastiment għal kull vjaġġ tas-sajd;

(b) bl-użu ta' tartaruni ([15]), għal qabdiet inċidentali inevitabbli li ma jaqbżux 520 kilogramma kull xahrejn u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi marini abbord maqbuda minn dak il-bastiment għal kull vjaġġ tas-sajd;

(c) bl-użu ta' snanar u xlief ([16]), li ma jaqbżux 5,7 tunnellati għal kull bastiment fis-sena;

(d) l-użu ta' għeżula armati fuq il-lasti ([17]), għall-qabdiet inċidentali inevitabbli ta' mhux aktar minn 1,4 tunnellati għal kull bastiment fis-sena.

([14]) It-tipi kollha ta' xbieki tat-tkarkir demersali (OTB, OTT, PTB, TBB, TBN, TBS u TB).
([15]) It-tipi kollha ta' tartaruni (SSC, SDN, SPR, SV, SB, SX).
([16]) Is-sajd kollu bil-konzijiet jew bil-bastun u x-xlief jew bil-qasba u x-xlief (LHP, LHM, LLD, LL, LTL, LX u LLS).
([17]) L-għeżula armati fuq il-lasti u n-nases kollha (GTR, GNS, GNC, FYK, FPN u FIX).

▼B

Id-derogi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li rreġistraw qabdiet tal-ispnotta Ewropea fil-perijodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016: fil-punt (c) meta jiġu rrekordjati qabdiet bl-użu ta' snanar u xlief, u fil-punt (d) meta jiġu rrekordjati qabdiet bl-użu ta' għeżula. F'każ ta' sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li d-deroga tapplika għal bastiment ieħor dment li l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għad-deroga u l-kapaċità tas-sajd globali tagħhom ma jiżdidux.

3. Il-limiti tal-qbid stipulati fil-paragrafu 2 ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn il-bastimenti u, fejn japplika limitu ta' kull xahar, minn xahar għall-ieħor. Għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw aktar minn irkaptu wieħed fl-istess xahar kalendarju, għandu japplika l-limitu tal-qbid l-aktar baxx stabbilit fil-paragrafu 2 għal kull irkaptu.

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull qabda ta' spnotta Ewropea skont it-tip ta' rkaptu sa mhux aktar tard minn 15-il jum wara t-tmiem ta' kull xahar.

4. Franza u Spanja għandhom jiżguraw li l-mortalità mis-sajd għall-istokk tal-ispnott fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES mis-sajd kummerċjali u rikreattiv tagħhom ma taqbiżx il-valur ta' punt F_{MSY} li jirriżulta f'qabdiet totali ta' 2 533 tunnellata, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/472.

5. Fis-sajd rikreattiv, inkluż minn max-xatt, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 6a, 7a sa 7k tal-ICES:

(a) mill-1 ta' Jannar sad-29 ta' Frar u mill-1 sal-31 ta' Diċembru 2020, għandu jiġi permess biss is-sajd ta' qbid u rilaxx b'qasba jew bi xlief tal-ispnotta Ewropea. Matul dawk il-perijodi, huwa pprojbit li tinżamm, tiġi rilokata, trażbordata jew tinħatt l-art l-ispnotta Ewropea li tinqabad f'dik iż-żona;

(b) mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Novembru 2020, kull sajjied jista' jaqbad u jżomm massimu ta' żewġ eżemplari ta' spnotta Ewropea kuljum; id-daqs minimu tal-ispnott Ewropew miżmum għandu jkun ta' 42 cm.

Il-punt (b) tal-ewwel paragrafu ma għandux japplika għal xbieki fissi, li ma għandhomx jintużaw biex jaqbdu jew iżommu spnott Ewropew matul il-perijodu msemmi f'dak il-punt.

▼M1

6. Fis-sajd rikreattiv, inkluż mix-xatt, fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES, kull sajjied jista' jaqbad u jżomm massimu ta' żewġ eżemplari ta' spnotta Ewropea kuljum. Id-daqs minimu tal-ispnott Ewropew miżmum għandu jkun ta' 42 cm. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal xbieki fissi, li ma jistgħux jintużaw biex jinqabad jew jinżamm l-ispnott Ewropew.

▼B

7. Il-paragrafi 5 u 6 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti dwar is-sajd rikreattiv.

Artikolu 11

Miżuri għas-sajd tas-sallura Ewropea fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona tal-ICES

Kwalunkwe sajd immirat, inċidentali u rikreattiv għas-sallura Ewropea huwa pprojbit fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona tal-ICES u fl-ilmijiet salmastri bħal estwarji, laguni kostali u ilmijiet tranżizzjonali għal perijodu ta' tliet xhur konsekuttivi li jrid jiġi stabbilit minn kull Stat Membru kkonċernat bejn l-1 ta' Awwissu 2020 u t-28 ta' Frar 2021. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw il-perijodu stabbilit lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2020.

Artikolu 12

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

(a) skambji magħmula skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(b) tnaqqis u riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(c) riallokazzjonijiet magħmula skont l-Artikoli 12 u 47 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2403;

(d) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(e) kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u mal-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(f) tnaqqis magħmul skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(g) trasferimenti u skambji ta' kwoti skont l-Artikolu 19 ta' dan ir-Regolament.

2. L-istokkijiet li huma soġġetti għal TACs prekawzjonarji jew analitiċi huma identifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għall-finijiet tal-ġestjoni minn sena għal sena ta' TACs u kwoti li huma previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96.

3. Għajr meta speċifikat mod ieħor fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC prekawzjonarja, u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC analitika.

▼B

4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena li hija prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

▼M2

Artikolu 12a

Staġuni magħluqa għas-sajd għaċ-ċiċċirelli

Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirelli bi xbieki tat-tkarkir demersali, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji inqas minn 16 mm għandu jkun projbit fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2020 u mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2021. 100 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 160 mm.

▼B

Artikolu 13

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw u għall-merlangu fil-Baħar Ċeltiku

1. Il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw għall-bastimenti tal-Unjoni li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni fid-diviżjonijiet minn 7f, 7 g, il-parti ta' 7h tal-ICES fit-Tramuntana tal-latitudni 49° 30' Tramuntana u l-parti ta' 7j tal-ICES fit-Tramuntana tal-latitudni 49° 30' Tramuntana u fil-Lvant tal-longitudni 11° Punent:

(a) bastimenti tal-Unjoni li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ li l-qabdiet tagħhom ikunu jikkonsistu f'mill-inqas 20 % ta' merluzz tal-linja sewda huma pprojbiti milli jistadu fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 sakemm ma jużawx irkaptu b'xi waħda mid-daqsijiet li ġejjin tal-malji:

— manka ta' 110 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 120 mm,

— manka T90 ta' 100 mm,

— manka ta' 120 mm,

▼M2

— 100 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 160 mm;

▼B

(b) Mill-1 ta' Ġunju 2020, flimkien mal-miżuri msemmija fil-punt (a), il-bastimenti tal-Unjoni għandhom jużaw: (i) rkaptu tas-sajd li huwa mibni b'minimu ta' spazjar ta' metru bejn il-linja tas-sajd u l-apparat tal-qiegħ, jew (ii) kwalunkwe mezz li ntwera li hu tal-inqas daqstant selettiv biex jiġi evitat il-merluzz, skont il-valutazzjoni mill-ICES jew mill-STECF;

(c) bastimenti tal-Unjoni li jistadu bit-tartaruni tal-qiegħ li l-qabdiet tagħhom ikunu jikkonsistu f'mill-inqas 20 % ta' merluzz tal-linja sewda huma pprojbiti milli jistadu fiż-żona msemmija fil-paragrafu 1 sakemm ma jużawx irkaptu b'xi waħda mid-daqsijiet li ġejjin tal-malji:

— manka ta' 110 mm b'pannell b'malja kwadra ta' 120 mm,

— manka T90 ta' 100 mm,

— manka ta' 120 mm.

▼B

2. Ħlief għall-bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2034 ([18]), il-bastimenti tal-Unjoni li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni fid-diviżjonijiet minn 7f sa 7k tal-ICES u fiż-żona fil-Punent ta' 5° W longitudni fid-diviżjoni 7e tal-ICES, jew bastimenti tal-Unjoni li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ fiż-żona tal-paragrafu 1, li l-qabdiet tagħhom ikunu inqas minn 20 % ta' merluzz tal-linja sewda, huma pprojbiti milli jistadu sakemm ma jużawx daqs minimu ta' malja tal-manka ta' mill-inqas 100 mm. Dan ir-rekwiżit ta' daqs minimu ta' malja tal-manka ma japplikax għal bastimenti li l-qabdiet aċċessorji tagħhom tal-merluzz ma jaqbżux 1,5 %, kif ivvalutat mill-STECF.

3. Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-Artikolu 27(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241, il-perċentwali tal-qabdiet għandhom jiġu kkalkulati bħala l-proporzjon skont il-piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jinħattu l-art wara kull vjaġġ tas-sajd.

4. Il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jużaw irkaptu alternattiv selettiv ħafna għal dawk elenkati fil-punti a) u b) tal-paragrafu 1, li l-attributi tekniċi tagħhom jirriżultaw, skont studju xjentifiku evalwat mill-STECF, f'qabdiet ta' inqas minn 1 % ta' bakkaljaw.

Artikolu 14

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana

Iż-żoni magħluqa għas-sajd, ħlief b'irkaptu pelaġiku (tartaruni tal-borża u xbieki tat-tkarkir), u l-perijodi li matulhom japplikaw l-għeluq huma stabbiliti fl-Anness IV.

Artikolu 15

Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Kattegat

1. Mill-31 ta' Mejju 2020, il-bastimenti tal-Unjoni li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, OT, TBN, TBS, TB, TX u PTB) b'malji ta' daqs minimu ta' 70 mm għandhom jużaw wieħed mill-irkapti selettivi li ġejjin:

(a) għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut;

(b) għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 50 mm li jissepara l-pixxiċatt u l-ħut tond, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut tond;

(c) pannell Seltra b'malji kwadri ta' 300 mm;

(d) irkaptu selettiv ħafna regolat, li l-attributi tekniċi tiegħu jirriżultaw, skont l-istudju xjentifiku evalwat mill-STECF, fil-qbid ta' anqas minn 1,5 % ta' bakkaljaw, jekk ikun l-uniku tagħmir li l-bastiment iġorr abbord.

([18]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/2034 tat-18 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2019-2021 (ĠU L 327, 21.12.2018, p. 8).

▼B

2. Sal-31 ta' Marzu 2020, l-Istati Membri jistgħu jidentifikaw bastimenti tal-Unjoni li ser ikollhom, fi proġett ta' Stat Membru kkonċernat, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020, tagħmir installat għal sajd kompletament dokumentat. Dawk il-bastimenti tal-Unjoni jistgħu jużaw irkaptu f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2019/1241. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkomunikaw il-lista ta' dawk il-bastimenti lill-Kummissjoni.

Artikolu 16

Speċijiet ipprojbiti

1. Huwa pprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, iżommuhom abbord, jittrażbordawhom jew iħottuhom l-art:

(a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*), fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 2a, 3a u 7d tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES;

(b) il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(c) il-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(d) il-murruna sewda (*Dalatias licha*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(e) il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(f) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad- 2a tal-ICES u tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES;

(g) il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(h) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jinqabad bil-konzijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1, 5, 6, 7, 8, 12 u 14 tal-ICES;

▼B

(i) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha;

(j) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(k) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6 u 10 tal-ICES;

(l) il-kelb il-baħar baliena (*Rhincodon typus*) fl-ilmijiet kollha;

(m) il-vjolin (*Rhinobatos rhinobatos*) fil-Mediterran;

(n) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES, bl-eċċezzjoni ta' programmi għall-evitar kif stabbilit fl-Anness IA;

▼M2

(o) il-fonsa l-ħamra tat-tip (*Beryx splendens*) fis-subżona 6 tan-NAFO.

▼B

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

Artikolu 17

Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni dwar ħatt l-art ta' kwantitajiet tal-istokkijiet li jkunu nqabdu u dwar l-isforz tas-sajd, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

Awtorizzazzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

Artikolu 18

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiż terz huwa stabbilit fil-Parti A tal-Anness V.

2. Fejn Stat Membru jittrasferixxi kwota lil Stat Membru ieħor ("tpartit") fiż-żoni tas-sajd li huma stipulati fil-Parti A tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, abbażi tal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, it-trasferiment għandu jinkludi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd u għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. Madankollu, kif stipulat fil-Parti A tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet għas-sajd għal kull żona tas-sajd ma għandux jinqabeż.

▼B

KAPITOLU III

Opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 19

Trasferimenti u skambji ta' kwoti

1. Fejn, skont ir-regoli ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO, *regional fisheries management organisation*), ikunu permessi trasferimenti jew skambji ta' kwoti bejn il-Partijiet Kontraenti għall-RFMO, Stat Membru ("l-Istat Membru kkonċernat") jista' jiddiskuti ma' Parti Kontraenti għall-RFMO u, skont il-każ, jistabbilixxi deskrizzjoni possibbli tat-trasferiment jew tal-iskambju ta' kwoti maħsub.

2. Hekk kif il-Kummissjoni tiġi nnotifikata mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tapprova d-deskrizzjoni tat-trasferiment jew tal-iskambju ta' kwoti maħsub li l-Istat Membru jkun iddiskuta mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO. Hekk kif isir dan, il-Kummissjoni għandha tagħti, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens li tintrabat bit-tali trasferiment jew skambju ta' kwoti mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO. Imbagħad, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-segretarjat tal-RFMO bit-trasferiment jew bl-iskambju ta' kwoti miftiehem f'konformità mar-regoli ta' dik l-organizzazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bit-trasferiment jew bl-iskambju ta' kwoti miftiehem.

4. L-opportunitajiet tas-sajd li jaslu mingħand il-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO jew li jiġu ttrasferiti lilha skont it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti għandhom jitqiesu bħala kwoti li ġew allokati lill-Istat Membru kkonċernat jew imnaqqsa mill-allokazzjoni tiegħu, mill-waqt li jkollu effett it-trasferiment jew l-iskambju ta' kwoti, f'konformità mat-termini tal-ftehim li jintlaħaq mal-Parti Kontraenti rilevanti għall-RFMO jew f'konformità mar-regoli tal-RFMO rilevanti, skont il-każ. Din l-allokazzjoni ma għandhiex tbiddel l-iskeda eżistenti ta' distribuzzjoni għall-fini tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika sal-31 ta' Jannar 2021 għat-trasferimenti tal-kwoti minn Parti Kontraenti għall-RFMO lejn l-Unjoni u għall-allokazzjoni sussegwenti tagħhom lill-Istati Membri.

Taqsima 2

Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT

Artikolu 20

Limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, it-trobbija u t-tismin

1. L-għadd ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati biex jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness VI.

▼B

2. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd artiġjanali kostali tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness VI.

3. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 3 tal-Anness VI.

4. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd, li huma awtorizzati għas-sajd, għaż-żamma abbord, għat-trażbord, għat-trasport jew għall-ħatt l-art tat-tonn fil-lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 4 tal-Anness VI.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 5 tal-Anness VI.

6. Il-kapaċità totali tat-trobbija tat-tonn u l-kontribut massimu tat-tonn maqbud fis-selvaġġ, li huma allokati lill-farms tal-ħut fil-lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, għandhom ikunu limitati kif stipulat fil-punt 6 tal-Anness VI.

7. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-alonga tat-Tramuntana bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 ([19]) għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 7 tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

8. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-inqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, għandu jkun limitat kif stipulat fil-punt 8 tal-Anness VI.

Artikolu 21

Sajd rikreattiv

Fejn adatt, l-Istati Membri għandhom jallokaw sehem speċifiku għas-sajd rikreattiv mill-kwoti allokati tagħhom stipulati fl-Anness ID.

Artikolu 22

Klieb il-baħar

1. Huma pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*) maqbud fi kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Huwa pprojbit is-sajd dirett għall-ispeċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru *Alopias*.

([19]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 973/2001 (ĠU L 123, 12.5.2007, p. 3).

▼B

3. Huma pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-kurazzi tal-familja Sphyrnidae (għajr is-*Sphyrna tiburo*) maqbuda f'sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

4. Huma pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) maqbuda waqt kwalunkwe attività tas-sajd.

5. Hija pprojbita ż-żamma abbord ta' klieb il-baħar ħaririn (*Carcharhinus falciformis*) maqbuda fi kwalunkwe attività tas-sajd.

Taqsima 3

Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR

Artikolu 23

Notifiki ta' sajd esploratorju

Jekk Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jipparteċipa f'sajd esploratorju bil-konzijiet għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.) fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a 'l barra minn żoni ta' ġurisdizzjoni nazzjonali fl-2020, huwa għandu jinnotifika lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-Artikoli 7 u 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2020.

Artikolu 24

Limiti fuq is-sajd esploratorju għall-pixxisinna

1. Is-sajd għall-pixxisinna matul l-istaġun tas-sajd 2019-2020 għandu jkun limitat għall-Istati Membri, is-subżoni u l-għadd ta' bastimenti stabbiliti fit-tabella A tal-Anness VII għall-ispeċijiet, it-TACs u l-limiti tal-qbid inċidentali stabbiliti fit-tabella B ta' dak l-Anness.

2. Is-sajd direct ta' speċijiet ta' kelb il-baħar għal skopijiet oħra minbarra r-riċerka xjentifika huwa pprojbit. Kwalunkwe qbid inċidentali ta' kelb il-baħar, speċjalment ħut żgħir u nisa tqal, li jinqabad aċċidentalment fis-sajd għall-pixxisinna, għandu jiġi rilaxxat ħaj.

3. Fejn applikabbli, għandu jieqaf is-sajd f'kull unità ta' riċerka fuq skala żgħira (SSRU, *small scale research unit*) meta l-qabda rrappurtata tilħaq it-TAC speċifikata u l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun.

4. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kemm jista' jkun kbira, sabiex jinkiseb it-tagħrif meħtieġ biex jiġi ddeterminat il-potenzjal tas-sajd u biex tiġi evitata konċentrazzjoni żejda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO kif ukoll fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a, fejn permess skont il-paragrafu 1, huwa pprojbit f'fond ta' inqas minn 550 metru.

▼B

Artikolu 25

Sajd għall-krill matul l-istaġun tas-sajd 2020-2021

1. Jekk Stat Membru jkollu l-intenzjoni li jistad għall-krill (*Euphausia superba*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR waqt il-perijodu tas-sajd 2020-2021, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2020, bl-intenzjoni tiegħu li jistad għall-krill, bl-użu tal-format stabbilit fil-Parti B tal-Appendiċi mal-Anness VII ta' dan ir-Regolament. Abbażi tat-tagħrif ipprovdut mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tippreżenta n-notifiki lis-Segretarjat tas-CCAMLR sa mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2020.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi t-tagħrif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment li jrid jiġi awtorizzat mill-Istat Membru biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

3. Stat Membru li jkun biħsiebu jistad għall-krill fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan għall-bastimenti awtorizzati biss li, fil-waqt tan-notifika, ikunu qegħdin itajru l-bandiera tiegħu jew dawk li jkunu qegħdin itajru l-bandiera ta' membru ieħor tas-CCAMLR u li fiż-żmien meta jsir is-sajd, huma mistennija li jkunu qegħdin itajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru.

4. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jawtorizzaw il-parteċipazzjoni f'attività tas-sajd għall-krill minn bastimenti ħlief dawk innotifikati lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, jekk bastiment awtorizzat ma jkunx jista' jipparteċipa minħabba raġunijiet operazzjonali leġittimi jew minħabba *force majeure*. F'tali ċirkostanzi, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw minnufih lis-Segretarjat tas-CCAMLR u lill-Kummissjoni, u jipprovdu:

(a) dettalji sħaħ tal-bastiment(i) maħsub(a) li ser jissostitwixxi/u, inkluż it-tagħrif previst fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004;

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenzi rilevanti ta' sostenn.

5. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw bastiment li jkun tqiegħed fi kwalunkwe lista ta' bastimenti tas-sajd involuti f'sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU, *illegal, unreported and unregulated*) tas-CCAMLR biex jipparteċipa fis-sajd għall-krill.

Taqsima 4

Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Artikolu 26

Limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti li jistadu fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stipulat fil-punt 1 tal-Anness VIII.

▼B

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u għall-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stipulat fil-punt 2 tal-Anness VIII.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid il-bastimenti li jkunu assenjati għal waħda miż-żewġ attivitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attività tas-sajd l-oħra, dment li jkunu jistgħu juru lill-Kummissjoni li tali bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fuq l-istokkijiet tal-ħut involuti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun hemm trasferiment propost ta' kapaċità lill-flotta tagħhom, il-bastimenti li għandhom jiġu ttrasferiti jkunu fuq ir-reġistru tal-IOTC ta' bastimenti awtorizzati jew fuq ir-reġistru ta' bastimenti ta' RFMOs oħra għas-sajd tat-tonn. Barra minn hekk, ma jista' jiġi ttrasferit ebda bastiment li jitqiegħed fil-lista ta' bastimenti involuti f'sajd IUU ta' kwalunkwe RFMO.

5. L-Istati Membri ma jistgħux iżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom lil hinn mil-livelli limitu msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għajr fil-limiti stipulati fil-pjanijiet ta' żvilupp li jkunu ġew ippreżentati lill-IOTC.

▼M2

Artikolu 27

Irkapti mitluqa għal riħhom biex jinġemal-ħut (FADs) u bastimenti tal-provvista

1. Jenħtieġ li (FADs) ikunu mgħammra b'bagi strumentati. L-użu ta' kwalunkwe baga oħra, bħal bagi tar-radju huwa pprojbit.

2. Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ma għandu jsegwi fl-ebda waqt iktar minn 300 baga operazzjonali.

3. Kull sena ma jistgħux jiġu akkwistati iktar minn 500 baga strumentata għal kull bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża. Bastiment tas-sajd bit-tartaruni tal-borża ma għandu jkollu fl-ebda waqt iktar minn 500 baga strumentata (kemm maħżuna u kemm li jkunu qed jitħaddmu).

4. Ma għandux ikun hemm iktar minn żewġ bastimenti tal-provvista għal mill-inqas ħames bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża, li lkoll għandhom itajjru l-bandiera ta' Stat Membru. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għall-Istati Membri li jużaw bastiment wieħed biss tal-provvista.

5. Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartaruni tal-borża ma għandu jingħata appoġġ fl-ebda waqt minn iktar minn bastiment wieħed tal-provvista li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru.

6. L-Unjoni ma għandha ddaħħal l-ebda bastiment addizzjonali tal-provvista jew bastiment ġdid tal-provvista fir-reġistru tal-bastimenti awtorizzati tal-IOTC.

▼B

Artikolu 28

Klieb il-baħar

1. Huma pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi tal-ispeċijiet kollha tal-familja Alopiidae fi kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Huma pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew ħatt l-art ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) fi kwalunkwe attività tas-sajd, għajr għal bastimenti b'tul totali ta' inqas minn 24 metru li jkunu involuti biss f'operazzjonijiet tas-sajd fiż-żona ekonomika esklużiva (ŻEE) tal-Istat Membru li jkunu qegħdin itajru l-bandiera tiegħu, u dment li l-qbid tagħhom ikun destinat biss għall-konsum lokali.

▼B

3. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

▼M1

Artikolu 28a

Raj tal-qrun

1. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw, iħottu l-art, jaħżnu, joffru għall-bejgħ jew ibiegħu, kwalunkwe parti jew karkassa sħiħa tar-raj tal-qrun (il-familja *Mobulidae* li tinkludi l-ġeneri *Manta* u *Mobula*), ħlief għal bastimenti tas-sajd li jwettqu sajd għall-għajxien (fejn il-ħut maqbud jiġi kkunsmat direttament mill-familji tas-sajjieda).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, ir-raj tal-qrun li jinqabad b'mod mhux intenzjonat permezz tas-s-sajd artiġjanali (sajd għajr dak bil-konzijiet jew sajd tal-wiċċ, jiġifieri tartaruni tal-borża, qasab u xlief, sajd bl-għeżula, bastimenti tax-xlief u tas-sajd bir-rixa, u li huma rreġistrati fir-reġistru ta' bastimenti awtorizzati tal-IOTC) jista' jinħatt l-art għal skopijiet ta' konsum lokali biss.

2. Il-bastimenti tas-sajd kollha, minbarra dawk li jwettqu sajd għall-għajxien, għandhom minnufih jirrilaxxaw ħaj u mingħajr ma ssirlu ħsara, sa fejn ikun prattikabbli, ir-raj tal-qrun hekk kif jidher fix-xibka, fuq is-sunnara, jew fuq il-gverta, u għandhom jagħmlu dan b'mod li jirriżulta fl-inqas ħsara possibbli lill-individwi maqbuda.

▼B

Taqsima 5

Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO

Artikolu 29

Sajd ta' ħut pelaġiku

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li eżerċitaw b'mod attiv attivitajiet tas-sajd ta' ħut pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, fl-2008 jew fl-2009 li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona f'konformità mat-TACs stipulati fl-Anness IH.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jillimitaw il-livell totali ta' tunnellaġġ gross tal-bastimenti li jkunu qegħdin itajru l-bandiera tagħhom u li jkunu qegħdin jistadu għall-istokkijiet pelaġiċi fl-2020 għal-livell totali ta' tunnellaġġ gross ta' 78 600 tal-Unjoni f'dik iż-żona.

3. L-opportunitajiet tas-sajd li huma stipulati fl-Anness IH jistgħu jintużaw biss dment li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista ta' bastimenti li stadu b'mod attiv jew kienu involuti fit-trażbord fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, ir-reġistri mis-sistemi ta' monitoraġġ tal-bastimenti, ir-rapporti ta' kull xahar dwar il-qbid u, meta dawn ikunu disponibbli, id-dokumenti dwar id-dħul fil-port mhux iktar tard mill-ħames jum tax-xahar ta' wara, bil-għan li dak it-tagħrif jiġi kkomunikat lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

▼M1

———————

▼B

Artikolu 31

Sajd tal-qiegħ

1. Fl-2020, l-Istati Membri għandhom jillimitaw il-qabda jew l-isforz tas-sajd tal-ħut tal-qiegħ tagħhom fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għal dawk il-partijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni li fihom seħħ is-sajd tal-ħut tal-qiegħ mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 u għal livell li ma jaqbiżx il-livelli medji annwali ta' parametri tal-qabdiet jew tal-isforz tas-sajd f'dak il-perijodu. Huma jistgħu jistadu iktar mir-rekord irreġistrat ta' sajd biss jekk l-SPRFMO tapprova l-pjan tagħhom li jistadu iktar mir-rekord irreġistrat ta' sajd.

2. L-Istati Membri mingħajr rekord irreġistrat ta' qbid jew sforz tas-sajd tal-ħut tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2006 ma għandhomx jistadu, sakemm l-SPRFMO ma japprovax il-pjan tagħhom li jistadu mingħajr rekord irreġistrat.

Artikolu 32

Sajd esploratorju

1. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet esploratorji tas-sajd bil-konz għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2020 biss jekk l-SPRFMO tkun approvat l-applikazzjoni tagħhom għal tali sajd li tinkludi pjan operazzjonali għas-sajd u impenn li jiġi implimentat pjan ta' ġbir tad-data.

2. Is-sajd għandu jseħħ biss fil-blokki ta' riċerka speċifikati mill-SPRFMO. Is-sajd f'fond ta' inqas minn 750 metru u aktar minn 2 000 metru huwa pprojbit.

3. It-TAC għandha tkun kif stabbilita fl-Anness IH. Is-sajd għandu jkun limitat għal vjaġġ wieħed ta' tul massimu ta' 21 jum konsekuttiv u għal għadd massimu ta' 5 000 sunnara għal kull sett, b'massimu ta' 20 sett għal kull blokka ta' riċerka. Is-sajd għandu jieqaf meta tintlaħaq it-TAC jew meta jkunu tniżżlu u nġabru 100 sett, skont liema minn dawn iseħħ l-ewwel.

Taqsima 6

Żona tal-konvenzjoni tal-IATTC

Artikolu 33

Sajd bit-tartarun tal-borża

1. Is-sajd minn bastimenti bit-tartarun tal-borża għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) u għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*) huwa pprojbit:

(a) bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-29 ta' Lulju 2020 u 24.00 tat-8 ta' Ottubru 2020 jew bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-9 ta' Novembru 2020 u 24.00 tad-19 ta' Jannar 2021 fiż-żona ddefinita mil-limiti li ġejjin:

— ix-xtut tal-Kontinent Amerikan li jmissu mal-Paċifiku,

▼B

— il-lonġitudni 150° W,

— il-latitudni 40° N,

— il-latitudni 40° S;

(b) bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-9 ta' Ottubru 2020 u 24.00 tat-8 ta' Novembru 2020 fiż-żona ddefinita mil-limiti li ġejjin:

— il-lonġitudni 96° W,

— il-lonġitudni 110° W,

— il-latitudni 4° N,

— il-latitudni 3° S.

2. Għal kull bastiment tagħhom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-perijodu li jkun intgħażel għall-għeluq tas-sajd imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1, qabel l-1 ta' April 2020. Il-bastimenti kollha tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Istati Membri kkonċernati għandhom jieqfu mis-sajd bit-tartarun tal-borża fiż-żoni ddefiniti fil-paragrafu 1 matul il-perijodu li jkun intgħażel.

3. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jistadu għat-tonn fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC għandhom iżommu abbord u wara jħottu l-art jew jittrażbordaw it-tonn isfar, it-tonn obeż u l-palamit kollu li jkun inqabad.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-ħut jitqies li mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem minħabba kwalunkwe raġuni għajr ta' daqs, jew

(b) matul l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed biex jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

Artikolu 34

Irkaptu mitluq għal riħu biex jinġema' l-ħut (drifting FADs)

1. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandux ikollu aktar minn 450 FAD attiv fi kwalunkwe ħin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. FAD għandu jitqies attiv meta jintuża fuq il-baħar, jibda jittrażmetti l-pożizzjoni tiegħu u jkun qed jiġi segwit mill-bastiment, mis-sid jew mill-operatur. FAD għandu jiġi attivat biss abbord bastiment bit-tartarun tal-borża.

2. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma jistax juża FADs matul il-15-il jum qabel il-bidu tal-perijodu tal-għeluq magħżul imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 33(1), u għandu jirkupra l-istess għadd ta' FADs li jkunu ntużaw inizjalment fi żmien 15-il jum qabel il-bidu tal-perijodu tal-għeluq.

▼B

3. Ta’ kull xahar, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni tagħrif ta’ kuljum dwar l-FADs attivi kollha kif meħtieġ mill-IATTC. Ir-rapporti għandhom jiġu ppreżentati b’dewmien ta’ mill-anqas 60 jum, iżda mhux aktar minn 75 jum. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dak it-tagħrif lis-Segretarjat tal-IATTC mingħajr dewmien.

Artikolu 35

Limiti tal-qabdiet għat-tonn obeż fl-attivitajiet tas-sajd bil-konz

Il-qabdiet annwali totali ta’ tonn obeż minn bastimenti li jistadu bil-konz ta’ kull Stat Membru fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC, huma stabbiliti fl-Anness IL.

Artikolu 36

Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi

1. Huwa pprojbit is-sajd għall-klieb il-baħar bil-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carharhinus longimanus*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC, u ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ jew il-bejgħ ta’ kwalunkwe parti minn karkassa jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi maqbuda f’dik iż-żona.

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b’mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari għandhom jinħelsu minnufih mill-operaturi tal-bastiment.

3. L-operaturi tal-bastiment għandhom:

(a) jirreġistraw l-għadd ta’ ħut li jinħeles u l-indikazzjoni tal-istatus (mejjet jew ħaj);

(b) jirrappurtaw it-tagħrif speċifikat fil-punt (a) lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu t-tagħrif miġbur matul is-sena ta’ qabel lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Jannar.

Artikolu 37

Projbizzjoni tas-sajd għar-raj tal-qrun

Huma pprojbiti s-sajd, iż-żamma abbord, it-trażbord, ħatt l-art, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ jew il-bejgħ ta’ kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tar-raj tal-qrun (il-familja *Mobulidae*, li tinkludi l-ġeneri *Manta* u *Mobula*) mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. Malli l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jindunaw li nqabdu raja tal-qrun, huma għandhom, kull meta dan ikun possibbli, jeħilsuhom minnufih, ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara.

▼B

Taqsima 7

Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO

Artikolu 38

Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-fond

Huwa pprojbit is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO:

(a) il-gattarell fantażma (*Apristurus manis*),

(b) il-mazzola tal-fanal Bigelow (*Etmopterus bigelowi*),

(c) il-mazzola tal-fanal ta' denb qasir (*Etmopterus brachyurus*),

(d) il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*),

(e) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*),

(f) ir-rebekkini (*Rajidae*),

(g) il-kelb il-baħar bellusi (*Scymnodon squamulosus*),

(h) il-kelb il-baħar tal-fond tas-superordni *Selachimorpha*,

(i) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*).

Taqsima 8

Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Artikolu 39

Kundizzjonijiet għas-sajd tat-tonna obeża, it-tonna safra, il-palamita u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għadd tal-jiem ta' sajd allokati lill-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*), għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), u għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*) fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li jinsabu fl-ibħra internazzjonali bejn 20° N u 20° S ma jaqbiżx l-403 ijiem.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx ikollhom fil-mira l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab fin-Nofsinhar ta' 20° S.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) bil-konzijiet ma jaqbżux l-2 000 tunnellata.

Artikolu 40

Ġestjoni ta' sajd b'FADs

1. Fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, huwa pprojbit għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jużaw, iħaddmu jew ipoġġu l-FADs bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tal-1 ta' Lulju 2020 u 24:00 tat-30 ta' Settembru 2020.

▼B

2. Minbarra l-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1, huwa pprojbit li wieħed ipoġġi l-FADs fl-ibħra miftuħa taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC, bejn 20° N u 20° S, għal xahrejn addizzjonali: jew bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tal-1 ta' April 2020 sa 24:00 tal-31 ta' Mejju 2020, jew minn 00:00 tal-1 ta' Novembru 2020 sa 24:00 tal-31 ta' Diċembru 2020.

3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għall-każijiet li ġejjin:

(a) fl-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, jekk il-bastiment ma jkollux spazju suffiċjenti fl-istiva sabiex joqgħod il-ħut kollu;

(b) meta l-ħut ma jkunx tajjeb għall-konsum mill-bniedem minħabba kwalunkwe raġuni għajr ta' daqs; jew

(c) meta t-tagħmir tal-friża jkollu ħsara serja.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ebda wieħed mill-bastimenti tagħhom b'tartarun tal-borża ma juża fuq il-baħar, fi kwalunkwe ħin, aktar minn 350 FADs bil-bagi strumentati attivati. Il-baga għandha tiġi attivata biss abbord bastiment.

5. Il-bastimenti kollha tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jistadu fil-parti taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li hija msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iżommu abbord, jittrażbordaw u jħottu l-art it-tonn obeż, it-tonna safra u l-palamit kollha li jinqabdu.

Artikolu 41

Limitazzjonijiet fl-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad

L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC għandu jkun kif stipulat fl-Anness IX.

Artikolu 42

Limiti tal-qbid għall-pixxispad fis-sajd bil-konz fin-Nofsinhar ta' 20° S

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tal-pixxispad (s*Xiphia gladius*) fin-Nofsinhar ta' 20° S minn bastimenti tas-sajd bil-konz ma jaqbżux, fl-2020, il-limitu stabbilit fl-Anness IG. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li ma jkun hemm ebda trasferiment fl-isforz tas-sajd għall-pixxispad fiż-żona 'l fuq minn 20° S, bħala riżultat ta' dik il-miżura.

Artikolu 43

Klieb il-baħar ħaririn u klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi

1. Huma pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art jew il-ħżin ta' kwalunkwe parti jew tal-karkassa sħiħa tal-ispeċijiet li ġejjin fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-WCPFC:

(a) klieb il-baħar ħaririn (*Carcharhinus falciformis*);

(b) klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*).

▼B

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

Artikolu 44

Żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC

1. Il-bastimenti li huma elenkati esklużivament fir-reġistru tad-WCPFC għandhom japplikaw il-miżuri stipulati f'din it-Taqsima meta jistadu fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC, kif definit fil-punt (v) tal-Artikolu 4.

2. Il-bastimenti li huma elenkati kemm fir-reġistru tad-WCPFC kif ukoll fir-reġistru tal-IATTC u l-bastimenti li huma elenkati esklużivament fir-reġistru tal-IATTC għandhom japplikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 33(1)(a), (2), (3) u (4) u fl-Artikoli 34, 35 u 36 meta jistadu fiż-żona kondiviża bejn l-IATTC u d-WCPFC, kif definit fil-punt (v) tal-Artikolu 4.

Taqsima 9

Il-Baħar Bering

Artikolu 45

Projbizzjoni ta' sajd fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering

Huwa pprojbit is-sajd għall-pollakkju (*Gadus chalcogrammus*) fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering.

Taqsima 10

Iż-Żona tal-Ftehim SIOFA

▼M2

Artikolu 46

Limiti għas-sajd tal-qiegħ

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu qed jistadu fiż-Żona tal-Ftehim SIOFA:

(a) jillimitaw l-isforz annwali tagħhom tas-sajd tal-qiegħ u l-qabdiet annwali tagħhom minn dak it-tip ta' sajd għal-livell annwali medju tagħhom għas-snin li fihom il-bastimenti tagħhom kienu attivi fiż-Żona tal-Ftehim ta' SIOFA tul perijodu rappreżentattiv li għalih teżisti data ddikjarata lill-Kummissjoni;

(b) ma jwessgħux il-firxa tad-distribuzzjoni tal-isforz tas-sajd tal-qiegħ lil hinn miż-żoni fejn sar is-sajd f'dawn l-aħħar snin, minbarra s-sajd bix-xlief u bin-nases;

(c) ma jkunux awtorizzati jistadu fiż-żoni protetti b'mod temporanju ta' Atlantis Bank, Coral, Fools Flat, Middle of What u Walter's Shoal, kif iddefinit fl-Anness IK, ħlief bix-xlief u bin-nases u bil-kundizzjoni li jkollhom osservatur xjentifiku abbord il-ħin kollu meta jkunu qed jistadu f'dawk iż-żoni.

▼B

TITOLU III

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD GĦAL BASTIMENTI TA′ PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Artikolu 47

Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faroe

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u l-bastimenti tas-sajd li huma reġistrati fil-Gżejjer Faeroe għandhom ikunu awtorizzati li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni fil-limiti tat-TACs stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403.

Artikolu 48

Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403.

Artikolu 49

Awtorizzazzjonijiet tas-sajd

L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jkun kif stabbilit fil-Parti B tal-Anness V.

Artikolu 50

Kundizzjonijiet għal ħatt l-art tal-qabdiet u tal-qabdiet inċidentali

Il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 7 għandhom japplikaw għall-qabdiet u l-qabdiet inċidentali ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu skont l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 49.

▼M2

Artikolu 51

Staġuni magħluqin għas-sajd

Bastimenti ta' pajjiżi terzi awtorizzati li jistadu għaċ-ċiċċirell u għal qabdiet inċidentali assoċjati fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES ma għandhomx jistadu għaċ-ċiċċirell f'dik is-subżona bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, tartaruni jew irkaptu simili rmunkat b'daqs tal-malji inqas minn 16 mm fil-perijodi li ġejjin:

(a) mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2020;

(b) mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2021.

▼B

Artikolu 52

Speċijiet ipprojbiti

1. Il-bastimenti ta' pajjiżi terzi huma pprojbiti milli jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin kull meta dawn jinsabu fl-ilmijiet tal-Unjoni, milli jżommuhom abbord, milli jittrażbordawhom jew milli jħottuhom l-art:

▼B

(a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*), fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 2a, 3a u 7d tal-ICES u tas-subżona 4 tal-ICES;

(b) ir-rebekkin skur (*Diptrus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES;

(c) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jinqabad bil-konzijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżoni 1, 4, 5, 6, 7, 8, 12 u 14 tal-ICES;

(d) il-murruna sewda (*Dalatias licha*), il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calcea*), il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*), il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) u l-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 2a tal-ICES u tas-subżoni 1, 4 u 14 tal-ICES;

(e) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni;

(f) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(g) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6, 9 u 10 tal-ICES;

(h) il-vjolin (*Rhinobatos rhinobatos*) fil-Mediterran;

(i) il-kelb il-baħar baliena (*Rhincodon typus*) fl-ilmijiet kollha;

(j) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9 u 10 tal-ICES.

2. Meta l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinqabdu b'mod inċidentali, ma għandhiex issirilhom ħsara. L-eżemplari li jinqabdu għandhom jinħelsu minnufih.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 53

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 54

Dispożizzjoni tranżizzjonali

L-Artikolu 10, l-Artikolu 12(2), l-Artikoli 16, 22, 23, 28, 36, 37, 38, 43, 45 u 52 għandhom ikomplu japplikaw, *mutatis mutandis*, fl-2021 sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021.

▼B

Artikolu 55

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020. Madankollu, l-Artikolu 9 għandu japplika mill-1 ta' Frar 2020. Id-dispożizzjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd stipulati fl-Artikoli 23, 24 u 25 u fl-Anness VII għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

LISTA TAL-ANNESSI

ANNESS I:	TACs applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żoni li għalihom jeżistu TACs skont l-ispeċi u skont iż-żona
ANNESS IA:	L-Iskagerrak, il-Kattegat, is-subżoni 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 tal-ICES, l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni tas-CECAF, l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża
ANNESS IB:	L-Atlantiku tal-Grigal u Greenland, is-subżoni 1, 2, 5, 12 u 14 tal-ICES u l-ilmijiet ta' Greenland li jinsabu fiż-żona 1 tan-NAFO
ANNESS IC:	L-Atlantiku tal-Majjistral – iż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO
ANNESS ID:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT
ANNESS IE:	Ix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku – iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO
ANNESS IF:	It-tonn tan-Nofsinhar – iż-żoni tad-distribuzzjoni
ANNESS IG:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC
ANNESS IH:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO
ANNESS IJ:	Iż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC
ANNESS IK:	Iż-Żona tal-Ftehim tal-SIOFA
ANNESS IL:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC
ANNESS II:	L-isforz tas-sajd għall-bastimenti fil-kuntest tal-ġestjoni tal-istokkijiet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent fid-diviżjoni 7e tal-ICES
ANNESS III:	Iż-żoni ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES
ANNESS IV:	Għeluq staġjonali għall-protezzjoni ta' bakkaljaw li jkun qed ibid
ANNESS V:	Awtorizzazzjonijiet tas-sajd
ANNESS VI:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT
ANNESS VII:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR
ANNESS VIII:	Iż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC
ANNESS IX:	Iż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

▼B

ANNESS I

TACs APPLIKABBLI GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI FIŻ-ŻONI LI GĦALIHOM JEŻISTU TACs SKONT L-ISPEĊI U Ż-ŻONA

It-tabelli f'dan l-Anness jistabbilixxu t-TACs u l-kwoti (f'tunnellati ta' piż ħaj, ħlief fejn hu speċifikat mod ieħor) skont l-istokk u, fejn ikun xieraq, il-kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom mil-lat funzjonali.

L-opportunitajiet kollha tas-sajd stabbiliti f'dan l-Anness għandhom ikunu suġġetti għar-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, u b'mod partikulari fl-Artikoli 33 u 34 tiegħu.

Ir-referenzi għaż-żoni tas-sajd huma referenzi għaż-żoni tal-ICES, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Għal kull żona, l-istokkijiet tal-ħut jingħataw fl-ordni alfabetika tal-ismijiet tal-ispeċijiet bil-Latin. Għall-finijiet regolatorji jgħoddu biss l-ismijiet tal-ispeċijiet bil-Latin; l-ismijiet komuni qed jingħataw biss bħala referenza.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, qed tingħata t-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet bil-Latin u bl-ismijiet komuni:

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Amblyraja radiata	RJR	Raja tal-kwiekeb
Ammodytes spp.	SAN	Ċiċċirell
Argentina silus	ARU	Arġentina silus
Beryx spp.	ALF	Fonsa ħamra
Brosme brosme	USK	Tusk
Caproidae	BOR	Imniefaħ
Centrophorus squamosus	GUQ	Leafscale gulper shark
Centroscymnus coelolepis	CYO	Mazzola Portugiża
Chaceon spp.	GER	Granċ aħmar tal-fond
Chaenocephalus aceratus	SSI	Ħut tas-silġ (tal-pinen suwed)
Champsocephalus gunnari	ANI	Ħut tas-silġ tal-Antartiku
Channichthys rhinoceratus	LIC	Ħuta tas-silġ unicorn
Chionoecetes spp.	PCR	Snow crab
Clupea harengus	HER	Aringa
Coryphaenoides rupestris	RNG	Grenadier imnieħru tond
Dalatias licha	SCK	Murruna sewda
Deania calcea	DCA	Mazzola munqar l-għasfur
Dicentrarchus labrax	BSS	Spnott
Dipturus batis (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*)	RJB	Rebekkin skur kumpless
Dissostichus eleginoides	TOP	Pixxisinna Patagonjan
Dissostichus mawsoni	TOA	Pixxisinna tal-Antartiku
Dissostichus spp.	TOT	Pixxisinna
Engraulis encrasicolus	ANE	Inċova
Etmopterus princeps	ETR	Mazzola tal-fanal maġġuri
Etmopterus pusillus	ETP	Mazzola tal-fanal minuri
Euphausia superba	KRI	Krill

▼B

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Gadus morhua	COD	Bakkaljaw
Galeorhinus galeus	GAG	Kelb il-baħar
Glyptocephalus cynoglossus	WIT	Barbun ilsien il-kelb
Hippoglossoides platessoides	PLA	Barbun tat-tbajja' Amerikan
Hoplostethus atlanticus	ORY	Mera tal-Atlantiku
Illex illecebrosus	SQI	Klamar tal-pinen qosra
Lamna nasus	POR	Pixxiplamtu
Lepidorhombus spp.	LEZ	Megrims
Leucoraja naevus	RJN	Raja kukù
Limanda ferruginea	YEL	Barbun denbu isfar
Lophiidae	ANF	Petriċi
Macrourus spp.	GRV	Grenadieri
Makaira nigricans	BUM	Marlin blu
Mallotus villosus	CAP	Kapelin
Manta birostris	RMB	Manta ġganta
Martialia hyadesi	SQS	Klamar
Melanogrammus aeglefinus	HAD	Merluzz tal-linja sewda
Merlangius merlangus	WHG	Merlangu
Merluccius merluccius	HKE	Merluzz
Micromesistius poutassou	WHB	Stokkafixx
Microstomus kitt	LEM	Lingwata ta' ħalq żgħir
Molva dypterygia	BLI	Linarda
Molva molva	LIN	Lipp
Nephrops norvegicus	NEP	Skampu
Notothenia gibberifrons	NOG	Humped rockcod
Notothenia rossii	NOR	Marbled rockcod
Notothenia squamifrons	NOS	Grey rockcod
Pandalus borealis	PRA	Gamblu tat-Tramuntana
Paralomis spp.	PAI	Granċijiet
Penaeus spp.	PEN	Gambli penaeus
Pleuronectes platessa	PLE	Barbun tat-tbajja'
Pleuronectiformes	FLX	Pixxiċatt
Pollachius pollachius	POL	Pollakkju
Pollachius virens	POK	Pollakkju iswed
Psetta maxima	TUR	Barbun imperjali
Pseudochaenichthys georgianus	SGI	South Georgian icefish
Pseudopentaceros spp.	EDW	Ras korazza pelaġika
Raja alba	RJA	Ħamiema
Raja brachyura	RJH	Raja batra
Raja circularis	RJI	Raja rotonda
Raja clavata	RJC	Raja tal-fosos

▼B

Isem xjentifiku	Kodiċi alfa-3	Isem komuni
Raja fullonica	RJF	Raja petruża
Raja (Dipturus) nidarosiensis	JAD	Raja tan-Norveġja
Raja microocellata	RJE	Raja għewejna
Raja montagui	RJM	Raja makkjettata
Raja undulata	RJU	Raja ondjata
Rajiformes	SRX	Rebekkini u raj
Reinhardtius hippoglossoides	GHL	Ħalibatt ta' Greenland
Sardina pilchardus	PIL	Sardin
Scomber scombrus	MAC	Kavall
Scophthalmus rhombus	BLL	Barbun lixx
Sebastes spp.	RED	Redfish
Solea solea	SOL	Lingwata komuni
Solea spp.	SOO	Lingwata
Sprattus sprattus	SPR	Laċċ ikħal
Squalus acanthias	DGS	Mazzola griża
Tetrapturus albidus	WHM	Marlin abjad
Thunnus maccoyii	SBF	Tonn tan-Nofsinhar
Thunnus obesus	BET	Tonn obeż
Thunnus thynnus	BFT	Tonn
Trachurus murphyi	CJM	Sawrell taċ-Ċilì
Trachurus spp.	JAX	Sawrell
Trisopterus esmarkii	NOP	Merluzz tan-Norveġja
Urophycis tenuis	HKW	Merluzz abjad
Xiphias gladius	SWO	Pixxispad

It-tabella komparattiva li ġejja bl-ismijiet komuni u bl-ismijiet bil-Latin qed tingħata biss għall-finijiet ta' spjegazzjoni:

Isem komuni	Kodiċi alfa-3	Isem xjentifiku
Fonsa ħamra	ALF	*Beryx* spp.
Barbun tat-tbajja' Amerikan	PLA	*Hippoglossoides platessoides*
Inċova	ANE	*Engraulis encrasicolus*
Petriċi	ANF	*Lophiidae*
Pixxisinna tal-Antartiku	TOA	*Dissostichus mawsoni*
Tonn obeż	BET	*Thunnus obesus*
Mazzola munqar l-għasfur	DCA	*Deania calcea*
Ħut tas-silġ (tal-pinen suwed)	SSI	*Chaenocephalus aceratus*
Raja batra	RJH	*Raja brachyura*
Linarda	BLI	*Molva dypterygia*

▼B

Isem komuni	Kodiċi alfa-3	Isem xjentifiku
Marlin blu	BUM	*Makaira nigricans*
Stokkafixx	WHB	*Micromesistius poutassou*
Tonn	BFT	*Thunnus thynnus*
Imniefaħ	BOR	*Caproidae*
Barbun lixx	BLL	*Scophthalmus rhombus*
Kapelin	CAP	*Mallotus villosus*
Bakkaljaw	COD	*Gadus morhua*
Rebekkin skur kumpless	RJB	*Dipturus batis* (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*)
Lingwata komuni	SOL	*Solea solea*
Granċijiet	PAI	*Paralomis* spp.
Raja kukù	RJN	*Leucoraja naevus*
Granċ aħmar tal-fond	GER	*Chaceon* spp.
Spnott	BSS	*Dicentrarchus labrax*
Pixxiċatt	FLX	*Pleuronectiformes*
Manta ġganta	RMB	*Manta birostris*
Mazzola tal-fanal maġġuri	ETR	*Etmopterus princeps*
Arġentina silus	ARU	*Argentina silus*
Ħalibatt ta' Greenland	GHL	*Reinhardtius hippoglossoides*
Grenadieri	GRV	*Macrourus* spp.
Grey rockcod	NOS	*Notothenia squamifrons*
Merluzz tal-linja sewda	HAD	*Melanogrammus aeglefinus*
Merluzz	HKE	*Merluccius merluccius*
Aringa	HER	*Clupea harengus*
Sawrell	JAX	*Trachurus* spp.
Humped rockcod	NOG	*Notothenia gibberifrons*
Sawrell taċ-Ċilì	CJM	*Trachurus murphyi*
Murruna sewda	SCK	*Dalatias licha*
Krill	KRI	*Euphausia superba*
Leafscale gulper shark	GUQ	*Centrophorus squamosus*
Lingwata ta' ħalq żgħir	LEM	*Microstomus kitt*
Lipp	LIN	*Molva molva*
Kavall	MAC	*Scomber scombrus*
Ħut tas-silġ tal-Antartiku	ANI	*Champsocephalus gunnari*
Marbled rockcod	NOR	*Notothenia rossii*
Megrims	LEZ	*Lepidorhombus* spp.
Gamblu tat-Tramuntana	PRA	*Pandalus borealis*

▼B

Isem komuni	Kodiċi alfa-3	Isem xjentifiku
Skampu	NEP	*Nephrops norvegicus*
Merluzz tan-Norveġja	NOP	*Trisopterus esmarkii*
Raja tan-Norveġja	JAD	*Raja (Dipturus) nidarosiensis*
Mera tal-Atlantiku	ORY	*Hoplostethus atlanticus*
Pixxisinna Patagonjan	TOP	*Dissostichus eleginoides*
Ras korazza pelaġika	EDW	*Pseudopentaceros* spp.
Gambli “penaeus”	PEN	*Penaeus* spp.
Mazzola griża	DGS	*Squalus acanthias*
Barbun tat-tbajja’	PLE	*Pleuronectes platessa*
Pollakkju	POL	*Pollachius pollachius*
Pixxiplamtu	POR	*Lamna nasus*
Mazzola Portugiża	CYO	*Centroscymnus coelolepis*
Redfish	RED	*Sebastes* spp.
Grenadier imnieħru tond	RNG	*Coryphaenoides rupestris*
Pollakkju iswed	POK	*Pollachius virens*
Ċiċċirell	SAN	*Ammodytes* spp.
Raja rotonda	RJI	*Raja circularis*
Sardin	PIL	*Sardina pilchardus*
Raja petruża	RJF	*Raja fullonica*
Klamar tal-pinen qosra	SQI	*Illex illecebrosus*
Rebekkini u raj	SRX	*Rajiformes*
Raja għewejna	RJE	*Raja microocellata*
Mazzola tal-fanal minuri	ETP	*Etmopterus pusillus*
Snow crab	PCR	*Chionoecetes* spp.
Raja ondjata	SOO	*Solea* spp.
South Georgian icefish	SGI	*Pseudochaenichthys georgianus*
Tonn tan-Nofsinhar	SBF	*Thunnus maccoyii*
Raja makkjettata	RJM	*Raja montagui*
Laċċ ikħal	SPR	*Sprattus sprattus*
Klamar	SQS	*Martialia hyadesi*

▼B

Isem komuni	Kodiċi alfa-3	Isem xjentifiku
Raja tal-kwiekeb	RJR	*Amblyraja radiata*
Pixxispad	SWO	*Xiphias gladius*
Raja tal-fosos	RJC	*Raja clavata*
Pixxisinna	TOT	*Dissostichus* spp.
Kelb il-baħar	GAG	*Galeorhinus galeus*
Barbun imperjali	TUR	*Psetta maxima*
Tusk	USK	*Brosme brosme*
Raja ondjata	RJU	*Raja undulata*
Snow crab	LIC	*Channichthys rhinoceratus*
Merluzz abjad	HKW	*Urophycis tenuis*
Marlin abjad	WHM	*Tetrapturus albidus*
Ħamiema	RJA	*Raja alba*
Merlangu	WHG	*Merlangius merlangus*
Barbun ilsien il-kelb	WIT	*Glyptocephalus cynoglossus*
Barbun denbu isfar	YEL	*Limanda ferruginea*

▼B

ANNESS IA

L-ISKAGERRAK, IL-KATTEGAT, IS-SUBŻONI 1, 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 U 14 TAL-ICES, L-ILMIJIET TAL-UNJONI TAŻ-ŻONI TAS-CECAF, L-ILMIJIET TAL-GUYANA FRANĊIŻA

▼M1

Speċi:	Ċiċċirell u qabdiet inċidentali marbutin miegħu *Ammodytes spp.*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 3a u 4 (1)
Danimarka	215 863 (2)	TAC analitika	
Renju Unit	4 719 (2)	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Ġermanja	329 (2)		
Żvezja	7 926 (2)	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
L-Unjoni	228 837		
TAC	228 837		

(1) Għajr l-ilmijiet sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, Fair Isle u Foula.
(2) Sa 2 % tal-kwota tista' tkun qabdiet inċidentali tal-merlangu u tal-kavalli (OT1/*2A3A4). Il-qabdiet inċidentali tal-merlangu u tal-kavalli magħduda mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet magħduda mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, flimkien, ma għandhomx jaqbżu 9 % tal-kwota.

Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, fiż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell li ġejjin, kif iddefiniti fl-Anness III, ma jistgħux jinqabdu iktar mill-kwantitajiet indikati hawn taħt:

Żona: L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell

	1r	2r	3r	4	5r	6	7r
	(SAN/234_1R)	(SAN/234_2R)	(SAN/234_3R)	(SAN/234_4)	(SAN/234_5R)	(SAN/234_6)	(SAN/234_7R)
Danimarka	107 525	59 106	11 702	37 365	0	165	0
Renju Unit	2 350	1 292	256	817	0	4	0
Ġermanja	164	90	18	57	0	0	0
Żvezja	3 948	2 170	430	1 372	0	6	0
L-Unjoni	113 987	62 658	12 406	39 611	0	175	0
Total	113 987	62 658	12 406	39 611	0	175	0

▼B

Speċi:	Arġentina silus *Argentina silus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1 u 2 (ARU/1/2.)
Il-Ġermanja	24	TAC prekawzjonarja	
Franza	8		
In-Netherlands	19		
Ir-Renju Unit	39		
L-Unjoni	90		
It-TAC	90		

Speċi:	Arġentina silus *Argentina silus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 3a u 4 (ARU/3A4-C)
Id-Danimarka	1 093	TAC prekawzjonarja	
Il-Ġermanja	11		
Franza	8		
L-Irlanda	8		
In-Netherlands	51		
L-Iżvezja	43		
Ir-Renju Unit	20		
L-Unjoni	1 234		
It-TAC	1 234		

Speċi:	Arġentina silus *Argentina silus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 5, 6 u 7 (ARU/567.)
Il-Ġermanja	284	TAC prekawzjonarja	
Franza	6		
L-Irlanda	263		
In-Netherlands	2 968		
Ir-Renju Unit	208		
L-Unjoni	3 729		
It-TAC	3 729		

▼B

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2 u 14 (USK/1214EI)
Il-Ġermanja	6 (1)	TAC prekawzjonarja	
Franza	6 (1)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Ir-Renju Unit	6 (1)		
Pajjiżi oħrajn	3 (1)		
L-Unjoni	21 (1)		
It-TAC	21		

(1) Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	3a (USK/03A.)
Id-Danimarka	15	TAC prekawzjonarja	
L-Iżvezja	8	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	8		
L-Unjoni	31		
It-TAC	31		

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 4 (USK/04-C.)
Id-Danimarka	68	TAC prekawzjonarja	
Il-Ġermanja	20	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Franza	47		
L-Iżvezja	7		
Ir-Renju Unit	102		
Pajjiżi oħrajn	7 (1)		
L-Unjoni	251		
It-TAC	251		

(1) Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.

▼B

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 5, 6 u 7 (USK/567EI.)
Il-Ġermanja	17	TAC prekawzjonarja	
Spanja	60	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Franza	705		
L-Irlanda	68		
Ir-Renju Unit	340		
Pajjiżi oħrajn	17 (1)		
L-Unjoni	1 207		
In-Norveġja	2 923 (2) (3) (4) (5)		
It-TAC	4 130		

(1) Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.
(2) Din il-kwota trid tinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a, 4, 5b, 6 u 7 (USK/*24X7C).
(3) Kondizzjoni speċjali: li biha tkun awtorizzata qabda inċidentali ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, f'5b, 6 u 7. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara li jibda s-sajd f'post għas-sajd partikulari. Il-qabdiet inċidentali totali ta' speċijiet oħrajn fiż-żoni 5b, 6 u 7 ma għandhomx jaqbżu l-ammont mogħti hawn taħt f'tunnellati (OTH/*5B67-). Il-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw li jsiru fiż-żona 6a fil-kuntest ta' din id-dispożizzjoni ma jistgħux ikunu ta' iktar minn 5 %.
3 000
(4) Inkluż il-lipp. Il-kwoti tan-Norveġja li ġejjin jistgħu jinqabdu biss bil-konzijiet fiż-żoni 5b, 6 u 7:
Fil-każ tal-lipp (LIN/*5B67-) 8 000
Fil-każ tat-tusk (USK/*5B67-) 2 923
(5) Il-kwoti tan-Norveġja għal-lipp u għat-tusk jistgħu jitpartu sal-ammont li ġej, mogħti f'tunnellati:
2 000

Speċi:	Tusk *Brosme brosme*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi taż-żona 4 (USK/04-N.)
Il-Belġju	0	TAC prekawzjonarja	
Id-Danimarka	165	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Il-Ġermanja	1	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
Franza	0		
In-Netherlands	0		
Ir-Renju Unit	4		
L-Unjoni	170		
It-TAC	Mhix rilevanti		

Speċi:	Imniefaħ *Caproidae*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 6, 7 u 8 (BOR/678-)
Id-Danimarka	4 700	TAC prekawzjonarja	
L-Irlanda	13 235		
Ir-Renju Unit	1 217		
L-Unjoni	19 152		
It-TAC	19 152		

▼B

Speċi:	Aringi (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	3a (HER/03A.)
Id-Danimarka	10 309 (2)	TAC analitika	
Il-Ġermanja	165 (2)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Iżvezja	10 783 (2)		
L-Unjoni	21 257 (2)		
In-Norveġja	3 271		
It-TAC	24 528		

(1) Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.
(2) Kondizzjoni speċjali: sa 50 % ta' dan l-ammont jista' jinqabad fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' 4 (HER/*04-C.).

▼M2

Speċi:	Aringi (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53° 30′ N (HER/4AB.)
Id-Danimarka	59 468	TAC analitika	
Il-Ġermanja	39 404	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Franza	20 670		
In-Netherlands	51 717		
L-Iżvezja	3 913		
Ir-Renju Unit	55 583		
L-Unjoni	230 755		
Il-Gżejjer Faeroe	250		
In-Norveġja	111 652 (1)		
It-TAC	385 008		

(1) Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.
(2) Il-qabdiet li jinqabdu fil-kuntest ta' din il-kwota jridu jitnaqqsu mis-sehem tat-TAC tan-Norveġja. Fil-limitu ta' din il-kwota, fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 4a u 4b (HER/*4AB-C) ma tistax tinqabad iktar mill-kwantità mniżżla hawn taħt. Ser tingħata kwantità addizzjonali ta' mhux aktar minn 10 000 tunnellata jekk in-Norveġja titlob it-tali żieda.
50 000

Kondizzjoni speċjali: fil-limiti tal-kwoti msemmijin hawn fuq, l-Unjoni ma tistax taqbad iktar mill-kwantitajiet imniżżlin hawn taħt fl-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N. r tingħata kwantità addizzjonali ta' mhux aktar minn 10 000 tunnellata jekk l-Unjoni Ewropea titlob it-tali żieda.

L-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N (HER/*04N-)
50 000

▼B

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	L-ilmijiet Norveġiżi li jinsabu fin-Nofsinhar ta' 62° N (HER/04-N.)
L-Iżvezja	948 (1)	TAC analitika	
L-Unjoni	948	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
It-TAC	385 008	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	

(1) Il-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw, tal-merluzz tal-linja sewda, tal-pollakkju, tal-merlangu u tal-pollakkju l-iswed iridu jingħaddu mal-kwota ta' dawk l-ispeċijiet.

▼B

Speċi:	Aringi (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	3a (HER/03A-BC)
Id-Danimarka	5 692	TAC analitika	
Il-Ġermanja	51	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Iżvezja	916		
L-Unjoni	6 659		
It-TAC	6 659		

(1) Għall-qabdiet tal-aringi li jinqabdu bħala qabdiet inċidentali fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' inqas minn 32 mm biss.

Speċi:	Aringi (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	Iż-żoni 4 u 7d u l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona 2a (HER/2A47DX)
Il-Belġju	44	TAC analitika	
Id-Danimarka	8 573	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	44		
Franza	44		
In-Netherlands	44		
L-Iżvezja	42		
Ir-Renju Unit	163		
L-Unjoni	8 954		
It-TAC	8 954		

(1) Għall-qabdiet tal-aringi li jinqabdu bħala qabdiet inċidentali fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' inqas minn 32 mm biss.

Speċi:	Aringi (1) *Clupea harengus*	**Żona:**	Iż-żoni 4c u 7d (2) (HER/4CXB7D)
Il-Belġju	8 632 (3)	TAC analitika	
Id-Danimarka	800 (3)	Japplika l-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament	
Il-Ġermanja	530 (3)		
Franza	10 277 (3)		
In-Netherlands	18 162 (3)		
Ir-Renju Unit	3 950 (3)		
L-Unjoni	42 351 (3)		
It-TAC	385 008		

(1) Għall-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar biss.
(2) Ħlief għall-istokk tal-Blackwater: ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fir-reġjun marittimu tal-estwarju tat-Thames f'żona delimitata minn linja rombu lejn in-Nofsinhar minn Landguard Point (51° 56′ N, 1° 19.1′ E) sal-latitudni 51° 33′ N u minn hemm lejn il-Punent sa punt fuq il-kosta tar-Renju Unit.
(3) Kondizzjoni speċjali: sa 50 % ta' din il-kwota tista' tinqabad f'4b (HER/*04B.).

▼B

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	L-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 5b, 6b u 6aN (1) (HER/5B6ANB)
Il-Ġermanja	389 (2)	TAC prekawzjonarja	
Franza	74 (2)	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
L-Irlanda	526 (2)	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96.	
In-Netherlands	389 (2)		
Ir-Renju Unit	2 102 (2)		
L-Unjoni	3 480 (2)		
It-TAC	3 480		

(1) Ir-referenza hija għall-istokk tal-aringi fil-parti taż-żona 6a tal-ICES li tinsab fil-Lvant tal-meridjan tal-lonġitudni 7° W u fit-Tramuntana tal-parallel tal-latitudni 55° N, jew fil-Punent tal-meridjan tal-lonġitudni 7° W u fit-Tramuntana tal-parallel tal-latitudni 56° N, minbarra x-xmara Clyde.
(2) Għandu jiġi pprojbit is-sajd għall-aringi fil-parti taż-żoni tal-ICES li għaliha tapplika din it-TAC u li tinsab bejn 56° N u 57° 30’ N, minbarra f’faxxa ta’ sitt mili nawtiċi mkejla mil-linja bażi tal-baħar territorjali tar-Renju Unit.

Speċi:	Aringa *Clupea harengus*	**Żona:**	Iż-żoni 6aS (1), 7b u 7c (HER/6AS7BC)
L-Irlanda	1 236	TAC prekawzjonarja	
11.1. Stat Membru jista' jippermetti li kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu jittrasferixxi l-jiem li fihom bastiment ikun awtorizzat ikun preżenti fiż-żona lil bastiment ieħor li jtajjar l-istess bandiera fiż-żona, sakemm ir-riżultat tal-għadd ta' jiem li bastiment ikun irċieva mmultiplikat bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts (kilowatt-jiem) ikun daqs, jew anqas minn, ir-riżultat tal-għadd ta' jiem ittrasferiti mill-bastiment donatur immultiplikat bil-qawwa tal-magna tiegħu f'kilowatts. Il-qawwa tal-magna tal-bastimenti f'kilowatts għandha tkun dik irreġistrata għal kull bastiment fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni.

11.2. L-għadd totali ta' jiem preżenti fiż-żona li ġie ttrasferit f'konformità mal-punt 11.1, immultiplikat bil-qawwa tal-magna tal-bastiment donatur f'kilowatts, ma għandux ikun ogħla mill-medja annwali ta' jiem tal-bastiment donatur irreġistrati fiż-żona, kif ivverifikat mill-ġurnal ta' abbord dwar is-sajd fl-2001, fl-2002, fl-2003, fl-2004 u fl-2005, immultiplikati bil-qawwa tal-magna ta' dak il-bastiment f'kilowatts.

11.3. It-trasferiment tal-jiem f'konformità mal-punt 11.1 għandu jkun permess bejn bastimenti li jaħdmu bi kwalunkwe rkaptu regolat u matul l-istess perijodu ta' ġestjoni.

11.4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif dwar it-trasferimenti li jkunu seħħew. Il-formati tal-ispreadsheets għall-ġbir u għat-trażmissjoni ta' dak it-tagħrif jistgħu jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 53(2).

12. TRASFERIMENT TAL-JIEM BEJN IL-BASTIMENTI TAS-SAJD LI JTAJRU L-BANDIERA TA' STATI MEMBRI DIFFERENTI

L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-trasferiment tal-jiem ta' preżenza fiż-żona għall-istess perijodu ta' ġestjoni u għall-istess żona bejn kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bnadar tagħhom sakemm il-punti 4.2., 4.4., 5, 6 u 10 japplikaw mutatis mutandis. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu jawtorizzaw tali trasferiment, huma għandhom jinnotifikaw, qabel ma jsir it-trasferiment, lill-Kummissjoni bid-dettalji tat-trasferiment, inkluż l-għadd ta' jiem li jrid jiġi trasferit, l-isforz tas-sajd u, fejn applikabbli, il-kwoti tas-sajd relatati magħhom.

▼B

KAPITOLU VI

Obbligi ta' rappurtar

13. RAPPORT DWAR L-ISFORZ TAS-SAJD

L-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 għandu japplika għall-bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness. Iż-żona ġeografika msemmija f'dak l-Artikolu għandha tinftiehem li hija ż-żona speċifikata fil-punt 2 ta' dan l-Anness.

14. ĠBIR TAD-DATA RILEVANTI

Kull tliet xhur l-Istati Membri għandhom jiġbru t-tagħrif dwar l-isforz totali tas-sajd eżerċitat fiż-żona għall-irkapti tal-irmonk u għall-irkapti statiċi, l-isforz eżerċitat mill-bastimenti li jużaw tipi differenti ta' rkaptu fiż-żona u l-qawwa tal-magna ta' dawk il-bastimenti f'kilowatt-jiem, abbażi tat-tagħrif li ntuża għall-ġestjoni tal-jiem tas-sajd preżenti fiż-żona kif stipulat f'dan l-Anness.

15. KOMUNIKAZZJONI TAD-DATA RILEVANTI

Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom juru spreadsheet lill-Kummissjoni bid-data speċifikata fil-punt 14 fil-format speċifikat fit-Tabelli II u III billi jibagħtuha fl-indirizz xieraq tal-posta elettronika, li l-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni tagħrif dettaljat dwar l-isforz allokat u kkunsmat tas-sajd li jkopri l-perijodi kollha ta' ġestjoni tal-2018 u tal-2019, jew partijiet minnhom, billi jużaw il-format tad-data speċifikat fit-Tabelli IV u V.

Tabella II

Il-format tar-rapportar tat-tagħrif dwar il-kW-jiem skont il-perijodu ta' ġestjoni

Stat Membru	Irkaptu	Perijodu ta' ġestjoni	Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv
(1)	(2)	(3)	(4)

Tabella III

Il-format tad-data tat-tagħrif dwar il-kW-jiem skont il-perijodu ta' ġestjoni

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament [1] X(ellug)/ L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi ISO alfa-3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment
(2) Irkaptu	2		Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bi travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm
(3) Perijodu ta' ġestjoni	4		Sena fil-perijodu mill-perijodu ta' ġestjoni tal-2006 sal-perijodu attwali ta' ġestjoni
(4) Dikjarazzjoni tal-isforz kumulattiv	7	L	L-ammont kumulattiv tal-isforz tas-sajd f'kilowatt-jiem li ntuża mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Jannar tal-perijodu rilevanti ta' ġestjoni

[1] It-tagħrif rilevanti għat-trażmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

▼B

Tabella IV

Il-format tar-rappurtar għat-tagħrif relatat mal-bastimenti

Stat Membru	CFR	Immarkar estern	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	Irkaptu nnotifikat				Jiem eliġibbli skont l-użu tal-irkaptu/i nnotifikat(i)				Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)				Trasferiment tal-jiem
				Nru-1	Nru-2	Nru-3	…	Nru-1	Nru-2	Nru-3	…	Nru-1	Nru-2	Nru-3	…	
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(5)	(5)	(5)	(6)	(6)	(6)	(6)	(7)	(7)	(7)	(7)	(8)

Tabella V

Il-format tad-data għat-tagħrif relatat mal-bastimenti

Isem il-qasam	Għadd massimu ta' karattri/ċifri	Allinjament ([1]) X(ellug)/ L(emin)	Definizzjoni u kummenti
(1) Stat Membru	3		Stat Membru (kodiċi ISO alfa-3) li fih huwa rreġistrat il-bastiment
(2) CFR	12		In-numru tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (CFR) In-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd L-Istat Membru (il-kodiċi ISO Alfa-3) segwit minn serje ta' karattri ta' identifikazzjoni (9 karattri). Fejn serje jkollha inqas minn disa' karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali fin-naħa tax-xellug
(3) Immarkar estern	14	X	Skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011
(4) Tul tal-perijodu ta' ġestjoni	2	X	Tul tal-perijodu ta' ġestjoni mkejjel f'xhur
(5) Irkaptu nnotifikat	2	X	Wieħed mit-tipi ta' rkaptu li ġejjin: BT = xbieki tat-tkarkir bi travu ≥ 80 mm GN = għeżula < 220 mm TN = parit jew xibka tat-tħabbil < 220 mm
(6) Kundizzjoni speċjali li tapplika għall-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	X	Għadd ta' jiem li fihom il-bastiment huwa eliġibbli skont l-Anness II għall-għażla tal-irkaptu u għat-tul tal-perijodu ta' ġestjoni nnotifikat
(7) Jiem imqattgħa bl-irkaptu/i nnotifikat(i)	3	X	Għadd ta' jiem li l-bastiment tassew qatta' preżenti fiż-żona u li fihom uża rkaptu li jikkorrispondi mal-irkaptu nnotifikat matul il-perijodu nnotifikat ta' ġestjoni
(8) Trasferimenti tal-jiem	4	X	Għall-jiem ittrasferiti indika "– l-għadd ta' jiem ittrasferiti" u għall-jiem irċevuti indika "+ l-għadd ta' jiem ittrasferiti"

([1]) It-tagħrif rilevanti għat-trażmissjoni tad-data bil-format ta' tul fiss.

▼B

ANNESS III

IŻ-ŻONI TA' ĠESTJONI GĦAĊ-ĊIĊĊIRELL FID-DIVIŻJONIJIET 2a u 3a TAL-ICES U FIS-SUBŻONA 4 TAL-ICES

Għall-finijiet tal-ġestjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għaċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES li huma stabbiliti fl-Anness IA, iż-żoni ta' ġestjoni li fihom japplikaw il-limiti tal-qbid huma ddefiniti kif jidher hawn taħt u fl-Appendiċi ta' dan l-Anness:

Żona ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell	Rettangoli statistiċi tal-ICES
1r	31–33 E9–F4; 33 F5; 34-37 E9–F6; 38-40 F0–F5; 41 F4–F5
2r	35 F7–F8; 36 F7–F9; 37 F7–F8; 38-41 F6–F8; 42 F6–F9; 43 F7–F9; 44 F9–G0; 45 G0–G1; 46 G1
3r	41-46 F1–F3; 42-46 F4–F5; 43-46 F6; 44-46 F7–F8; 45-46 F9; 46-47 G0; 47 G1 u 48 G0
4	38–40 E7–E9 u 41–46 E6–F0
5r	47–52 F1–F5
6	41-43 G0–G3; 44 G1
7r	47–52 E6–F0

▼B

Appendiċi

Żona ta' ġestjoni għaċ-ċiċċirell



▼B

ANNESS IV

GHELUQ STAĠJONALI GĦALL-PROTEZZJONI TA' BAKKALJAW LI JKUN QED IBID

Iż-żoni indikati fit-tabella ta' hawn taħt għandhom jingħalqu għall-irkapti kollha, minbarra l-irkaptu pelaġiku (tartaruni tal-borża u xbieki tat-tkarkir), matul il-perijodu identifikat:

Għeluq għal żmien limitat				
Nru	Isem taż-żona	Koordinati	Perijodu	Kumment addizzjonali
1	Stanhope ground	60° 10' N - 01° 45' E 60° 10' N - 02° 00' E 60° 25' N - 01° 45' E 60° 25' N - 02° 00' E	Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April	
2	Long Hole	59° 07,35' N - 0° 31,04' W 59° 03,60' N - 0° 22,25' W 58° 59,35' N - 0° 17,85' W 58° 56,00' N - 0° 11,01' W 58° 56,60' N - 0° 08,85' W 58° 59,86' N - 0° 15,65' W 59° 03,50' N - 0° 20,00' W 59° 08,15' N - 0° 29,07' W	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	
3	Coral edge	58o 51,70' N - 03o 26,70' E 58o 40,66' N - 03o 34,60' E 58o 24,00' N - 03o 12,40' E 58o 24,00' N - 02o 55,00' E 58o 35,65' N - 02o 56,30' E	Mill-1 ta' Jannar sad-29 ta' Frar	
4	Papa Bank	59° 56' N - 03° 08' W 59° 56' N - 02° 45' W 59° 35' N - 03° 15' W 59° 35' N - 03° 35' W	Mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Marzu	
5	Foula Deeps	60o 17,50' N - 01o 45' W 60o 11,00' N - 01o 45' W 60o 11,00' N - 02o 10' W 60o 20,00' N - 02o 00' W 60o 20,00' N - 01o 50' W	Mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Diċembru	
6	Egersund Bank	58o 07,40' N - 04o 33,00' E 57o 53,00' N - 05o 12,00' E 57o 40,00' N - 05o 10,90' E 57o 57,90' N - 04o 31,90' E	Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu	(10 x 25 mili nawtiċi)

▼B

Għeluq għal żmien limitat				
Nru	Isem taż-żona	Koordinati	Perijodu	Kumment addizzjonali
7	East of Fair Isle	59° 40’ N - 01° 23’ W 59° 40’ N - 01° 13’ W 59° 30’ N - 01° 20’ W 59° 10’ N - 01° 20’ W 59° 30’ N - 01° 28’ W 59° 10’ N - 01° 28’ W	Mill-1 ta’ Jannar sal-15 ta’ Marzu	
8	West Bank	57° 15’ N - 05° 01’ E 56° 56’ N - 05° 00’ E 56° 56’ N - 06° 20’ E 57° 15’ N - 06° 20’ E	Mill-1 ta’ Frar sal-15 ta’ Marzu	(18 x 4 mili nawtiċi)
9	Revet	57° 28,43’ N - 08° 05,66’ E 57° 27,44’ N - 08° 07,20’ E 57° 51,77’ N - 09° 26,33’ E 57° 52,88’ N - 09° 25,00’ E	Mill-1 ta’ Frar sal-15 ta’ Marzu	(1,5 x 49 mili nawtiċi)
10	Rabarberen	57° 47,00’ N - 11° 04,00’ E 57° 43,00’ N - 11° 04,00’ E 57° 43,00’ N - 11° 09,00’ E 57° 47,00’ N - 11° 09,00’ E	Mill-1 ta’ Frar sal-15 ta’ Marzu	East of Skagen (2,7 x 4 mili nawtiċi)

▼B

ANNESS V

AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD

PARTI A

L-GĦADD MASSIMU TA' AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI LI JISTADU FL-ILMIJIET TA' PAJJIŻI TERZI

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
L-ilmijiet Norveġiżi u ż-żona tas-sajd madwar Jan Mayen	Aringi, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	77	DK	25	57
			DE	5	
			FR	1	
			IE	8	
			NL	9	
			PL	1	
			SV	10	
			UK	18	
	Speċijiet tal-qiegħ, fit-Tramuntana ta' 62° 00' N	80	DE	16	50
			IE	1	
			ES	20	
			FR	18	
			PT	9	
			UK	14	
			Mhux allokata	2	
	Kavalli ([1])	Mhux rilevanti	Mhux rilevanti		70
	Speċijiet industrijali, fin-Nofsinhar ta' 62° 00' N	480	DK	450	150
			UK	30	
L-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe	Is-sajd kollu bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux iżjed minn 180 pied fiż-żona bejn 12-il mil u 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faeroe	26	BE	0	13
			DE	4	
			FR	4	
			UK	18	
	Sajd dirett għall-bakkaljaw u għall-merluzz tal-linja sewda b'daqs minimu tal-malji ta' 135 mm, ristrett għaż-żona fin-Nofsinhar ta' 62° 28′ N u fil-Lvant ta' 6° 30′ W	8 ([2])	Mhux rilevanti		4

▼B

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
	Attivitajiet tas-sajd bit-tkarkir 'il barra minn 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faeroe. Fil-perijodi mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, dawn il-bastimenti jistgħu jistadu fiż-żona bejn 61° 20′ N u 62° 00′ N u bejn 12-il mil u 21 mil mil-linji bażi	70	BE	0	26
			DE	10	
			FR	40	
			UK	20	
	Sajd bit-tkarkir għal-linarda bid-daqs tal-malja minimu ta' 100 mm fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 61° 30′ N u l-Punent ta' 9° 00′ W u fiż-żona bejn 7° 00′ W u 9° 00′ W fin-Nofsinhar ta' 60° 30′ N u fiż-żona fil-Lbiċ ta' linja bejn 60° 30′ N, 7° 00′ W u 60°00′ N, 6°00′ W	70	DE ([3])	8	20 ([4])
			FR ([3])	12	
	Attivitajiet tas-sajd bit-tkarkir għall-pollakkju iswed b'daqs minimu tal-malji ta' 120 mm u bil-possibbiltà li jintużaw ċineg fit-tond madwar il-manka	70	Mhux rilevanti		22 ([4])
	Attività tas-sajd għall-istokkafixx. L-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd jista' jiżdied b'erba' bastimenti sabiex jiffurmaw pari, jekk l-awtoritajiet tal-Gżejjer Faeroe jintroduċu regoli speċjali dwar l-aċċess għal żona msejħa "ż-żona prinċipali tas-sajd għall-istokkafixx"	34	DE	2	20
			DK	5	
			FR	4	
			NL	6	
			UK	7	
			SE	1	
			ES	4	
			IE	4	
			PT	1	
	Sajd bix-xolfa	10	UK	10	6
	Kavalli	20	DK	2	12
			BE	1	
			DE	2	
			FR	2	
			IE	3	
			NL	2	
			SE	2	
			UK	6	

▼B

Żona tas-sajd	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Allokazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd fost l-Istati Membri		Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
	Aringi, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	20	DK	5	20
			DE	2	
			IE	2	
			FR	1	
			NL	2	
			PL	1	
			SE	3	
			UK	4	
1, 2b ([5])	Sajd għas-snow crab bin-nases	20	EE	1	Mhux applikabbli
			ES	1	
			LV	11	
			LT	4	
			PL	3	

([1]) Mingħajr preġudizzju għal-liċenzji addizzjonali mogħtija lill-Iżvezja min-Norveġja f'konformità ma' prassi stabbilita.
([2]) Dawn iċ-ċifri huma inklużi fiċ-ċifri għall-attivitajiet kollha tas-sajd bit-tkarkir b'bastimenti ta' mhux iżjed minn 180 pied fiż-żona bejn 12-il mil u 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faeroe.
([3]) Dawn iċ-ċifri jirreferu għall-għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt.
([4]) Dawn iċ-ċifri huma inklużi fiċ-ċifri għall-"Attivitajiet tas-sajd bit-tkarkir 'il barra minn 21 mil mil-linji bażi tal-Gżejjer Faeroe".
([5]) L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fiż-żona ta' Svalbard hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi li ġejjin mit-Trattat ta' Pariġi tal-1920.

PARTI B

L-GĦADD MASSIMU TA' AWTORIZZAZZJONIJIET TAS-SAJD GĦALL-BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI LI JISTADU FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

Stat tal-Bandiera	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
In-Norveġja	Aringi, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	Għad irid jiġi stabbilit	Għad irid jiġi stabbilit
Il-Gżejjer Faeroe	Kavalli, 6a (fit-Tramuntana ta' 56° 30' N), 2a, 4a (fit-Tramuntana ta' 59° N) Sawrell, 4, 6a (fit-Tramuntana ta' 56° 30' N), 7e, 7f, 7h	20	14
	Aringi, fit-Tramuntana ta' 62° 00′ N	20	Għad irid jiġi stabbilit
	Aringi, 3a	4	4
	Sajd industrijali għall-merluzz tan-Norveġja, 4, 6a (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N) (inkluż qabdiet inċidentali inevitabbli tal-istokkafixx)	14	14
	Lipp u tusk	20	10
	Stokkafixx, 2, 4a, 5, 6a (fit-Tramuntana ta' 56° 30′ N), 6b, 7 (fil-Punent ta' 12° 00′ W)	20	20
	Linarda	16	16

▼B

Stat tal-Bandiera	Attività tas-sajd	Għadd ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd	Għadd massimu ta' bastimenti preżenti fi kwalunkwe waqt
Venezwela ([1])	Snappers (l-ilmijiet tal-Guyana Franċiża)	45	45

([1]) ►M2 Biex jinħarġu dawk l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, trid tingħata prova li jeżisti kuntratt validu bejn sid il-bastiment li qed japplika għall-awtorizzazzjoni tas-sajd u impriża tal-ipproċessar li tinsab fid-Dipartiment tal-Guyana Franċiża u li dan jinkludi l-obbligu li mill-inqas 75 % mill-qabdiet kollha tal-isnapper tal-bastiment ikkonċernat jinħattu l-art f'dak id-Dipartiment sabiex dawn ikunu jistgħu jiġu pproċessati fl-impjant ta' dik l-impriża. L-awtoritajiet Franċiżi jridu japprovaw it-tali kuntratt u għandhom jiżguraw li dan ikun konsistenti kemm mal-kapaċità reali tal-impriża tal-ipproċessar kontraenti u kif ukoll mal-objettivi għall-iżvilupp tal-ekonomija tal-Guyana. Mal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tas-sajd għandha tinħemeż kopja tal-kuntratt li jkun ġie approvat kif xieraq. Meta t-tali approvazzjoni tiġi miċħuda, l-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinnotifikaw lill-parti kkonċernata u lill-Kummissjoni b'dan u jagħtuhom ir-raġunijiet tagħhom għal dan. Bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tal-Venezwela li jkun awtorizzat iwettaq attivitajiet tas-sajd fl-2020 jista' jkompli jistad sal-1 ta' April 2021 sa ma tiġġedded l-awtorizzazzjoni tas-sajd tiegħu, dejjem jekk:

— l-operatur tal-bastiment ikun iffirma kuntratt ġdid tal-provvista għall-2021,

— ikunu għaddejjin il-proċeduri għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni ta' dan il-bastiment,

— fl-2020 l-operatur tal-bastiment ikun ikkonforma mal-obbligi tiegħu tar-rappurtar u l-obbligi kuntrattwali tiegħu marbutin mal-ħatt l-art.

Din l-estensjoni tiskadi fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-ħruġ ta' awtorizzazzjoni tas-sajd għall-2021 għall-bastiment, jew malli l-Kummissjoni tinnotifika li l-awtorizzazzjoni ġiet miċħuda. ◄

▼M1

ANNESS VI

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-ICCAT ([1])

1. L-għadd massimu ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Lvant tal-Atlantiku

Spanja	60
Franza	55
L-Unjoni	115

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tal-Unjoni, tas-sajd artiġjanali kostali, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Mediterran

Spanja	364
Franza	140 ([2])
Italja	30
Ċipru	20 ([1])
Malta	54 ([1])
Portugall	76 ([2])
L-Unjoni	684

([1]) Dan l-għadd jista' jiżdied jekk bastiment tas-sajd bit-tartarun jiġi sostitwit minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet f'konformità man-nota 2 jew 4 ta' qiegħ il-paġna tat-tabella A fis-sezzjoni 4.

([2]) Ikkomunikat fil-pjan tal-kapaċità nazzjonali bħala parti mill-kwota settorjali.

3. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn it-8 kg/75 cm u t-30 kg/115-il cm fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija tal-ħut

Kroazja	18
Italja	12
L-Unjoni	28

4. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd ta' kull Stat Membru li jistgħu jkunu awtorizzati jistadu għat-tonn, iżommuh abbord, jittrasbordawh, jittrasportawh jew iħottuh l-art fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Tabella A

	Għadd ta' bastimenti tas-sajd ([1])							
	Ċipru ([2])	Greċja ([3])	Kroazja	Italja	Franza	Spanja	Malta ([4])	Portugall
Bastimenti tas-sajd bit-tartarun	1	0	18	21	22	6	2	0
Bastimenti tas-sajd bil-konzijiet	27 ([5])	0	0	40	23	48	62	0

([1]) In-numri fit-taqsimiet 1, 2 u 3 jistgħu jitnaqqsu sabiex ikunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

▼**M1**

	Għadd ta' bastimenti tas-sajd (1)							
	Ċipru (2)	Greċja (3)	Kroazja	Italja	Franza	Spanja	Malta (4)	Portugall
Dgħajjes tas-sajd bil-lixka	0	0	0	0	8	68	0	76 (6)
Xolfa tal-idejn	0	0	12	0	47 (7)	1	0	0
Bastiment tat-tkarkir	0	0	0	0	57	0	0	0
Skala żgħira	0	32	0	0	140	620	52	0
Bastimenti artiġjanali oħrajn (8)	0	61	0	0	0	0	0	0

(1) In-numri f'din it-Tabella jistgħu jiżdiedu iżjed, sakemm ikunu konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.
(2) Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit b'mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet jew b'bastiment tas-sajd wieħed żgħir bit-tartarun u mhux aktar minn tliet bastimenti tas-sajd bil-konzijiet.
(3) Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet jew minn bastiment tas-sajd wieħed żgħir bit-tartarun u tliet bastimenti oħra tas-sajd artiġjanali.
(4) Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun ta' daqs medju jista' jiġi sostitwit minn mhux aktar minn 10 bastimenti tas-sajd bil-konzijiet.
(5) Bastimenti polivalenti li jużaw tagħmir b'iktar minn irkaptu wieħed.
(6) Dgħajjes tas-sajd bil-lixka tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Azores u Madeira.
(7) Dgħajjes tas-sajd bil-lixka li joperaw fl-Oċean Atlantiku.
(8) Bastimenti polivalenti li jużaw tagħmir b'iżjed minn irkaptu wieħed (konz, xlief, xlief bir-rixa).

5. L-għadd massimu ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran awtorizzat minn kull Stat Membru

Stat Membru	Għadd ta' nases (1)
Spanja	5
Italja	6
Portugall	2

(1) Dan l-għadd jista' jiżdied aktar, dment li jkun konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

6. Il-kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn għal kull Stat Membru u l-ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ li kull Stat Membru jista' jalloka lill-farms tiegħu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

Tabella A

Kapaċità massima tat-trobbija u tat-tismin tat-tonn		
	Għadd ta' farms	Kapaċità (f'tunnellati)
Spanja	10	11 852
Italja	13	12 600
Greċja	2	2 100
Ċipru	3	3 000
Kroazja	7	7 880
Malta	6	12 300

▼**M1**

Tabella B ([1])

Ammont massimu ta' tonn maqbud fis-selvaġġ (f'tunnellati)	
Spanja	6 300
Italja	3 764
Greċja	785
Ċipru	2 195
Kroazja	2 947
Malta	8 786
Portugall	350

([1]) Il-kapaċità tat-trobbija ta' 500 tunnellata għall-Portugall hija koperta mill-kapaċità mhux użata tal-Unjoni mniżżla fit-tabella A.

7. Id-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri u r-Renju Unit tal-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera jew ta' Stat Membru inkella tar-Renju Unit li huwa awtorizzat jistad għall-alonga tat-Tramuntana bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 520/2007 għandha tkun kif ġej:

Stati Membri u r-Renju Unit	Għadd massimu ta' bastimenti
Irlanda	50
Spanja	730
Franza	151
Renju Unit	12
Portugall	310

8. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-inqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż fiż-Żona ta' Konvenzjoni tal-ICCAT għandu jkun dan li ġej:

Stat Membru	L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun	L-għadd massimu ta' bastimenti bil-konzijiet
Spanja	23	190
Franza	11	–
Portugall	–	79
L-Unjoni	34	269

▼B

ANNESS VII

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR

Is-sajd esploratorju għall-pixxisinna fiż-Żona tal-Konvenzjoni CCAMLR għall-2019/2020 għandu jkun limitat għal li ġej:

Tabella A

Stati Membri awtorizzati, subżoni u għadd massimu ta' bastimenti

Stat Membru	Żona	Għadd massimu ta' bastimenti
Spanja	48.6	1
Spanja	88.1	1

Tabella B

TACs u limiti ta' qbid inċidentali

It-TACs indikati hawn taħt, adottati mis-CCAMLR, mhumiex allokati lill-membri tas-CCAMLR u għalhekk is-sehem tal-Unjoni mhux stabbilit. Is-Segretarjat tas-CCAMLR jimmonitorja l-qabdiet u jikkomunika lill-Partijiet Kontraenti meta is-sajd għandu jieqaf minħabba li jkunu ġew eżawriti t-TACs.

Subżona	Reġjun	Staġun	SSRUs (48.6) jew blokok ta' riċerka (88.1)	Limitu ta' qbid għal *Dissostichus mawsoni* (f'tunnellati)/SSRUs (48.6) jew blokok ta' riċerka (88.1)	Limitu ta' qbid (f'tunnellati)/ subżona sħiħa għal *Dissostichus mawsoni*	Skont il-limitu ta' qbid inċidentali (f'tunnellati)/SSRUs (48.6) jew blokok ta' riċerka (88.1)		
						Rebekkini u raj	*Macrourus* spp (1).	Speċijiet oħra
48.6	Is-subżona kollha	Mill-1 ta' Diċembru 2019 sat-30 ta' Novembru 2020	48.6_2	140	670	7	22	22
			48.6_3	38		2	6	6
			48.6_4	163		8	26	26
			48.6_5	329		16	53	23
88.1.	Is-subżona kollha	Mill-1 ta' Diċembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2020	A, B, C, G (2)	597	3 140 (3)	30	96	30
			G, H, I, J, K (4)	2 072		104	317	104
			Żona Speċjali tar-Riċerka fiż-żona protetta tal-baħar tar-reġjun tar-Ross Sea	426		23	72	23

(1) Fiż-żona 88.1, fejn il-qabda ta' *Macrourus* spp. li tittieħed minn bastiment uniku fi kwalunkwe perijodu ta' għaxart ijiem (jiġifieri mill-ewwel jum sal-għaxar jum, il-jum 11 sal-jum 20, jew il-jum 21 sal-aħħar jum tax-xahar) fi kwalunkwe SSRU tkun aktar minn 1 500 kg f'kull perijodu ta' għaxart ijiem u tkun aktar minn 16 % tal-qabda tad-*Dissostichus* spp. minn dak il-bastiment f'dik l-SSRU, il-bastiment għandu jwaqqaf is-sajd f'dik l-SSRU għall-bqija tal-istaġun.

(2) Iż-żoni kollha barra ż-żona protetta tal-baħar tar-reġjun tar-Ross Sea u fit-Tramuntana ta' 70° S.

(3) L-ispeċi fil-mira hija *Dissostichus mawsoni*. Kull *Dissostichus eleginoides* maqbud għandu jiġi magħdud lejn il-limitu ta' qbid globali għal *Dissostichus mawsoni*.

(4) Iż-żoni kollha barra ż-żona protetta tal-baħar tar-reġjun tar-Ross Sea u fin-Nofsinhar ta' 70° S.

▼B

Appendiċi

PARTI A

Koordinati tal-blokok ta' riċerka 48.6

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_2

54° 00' S 01° 00' E

55° 00' S 01° 00' E

55° 00' S 02° 00' E

55° 30' S 02° 00' E

55° 30' S 04° 00' E

56° 30' S 04° 00' E

56° 30' S 07° 00' E

56° 00' S 07° 00' E

56° 00' S 08° 00' E

54° 00' S 08° 00' E

54° 00' S 09° 00' E

53° 00' S 09° 00' E

53° 00' S 03° 00' E

53° 30' S 03° 00' E

53° 30' S 02° 00' E

54° 00' S 02° 00' E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_3

64° 30' S 01° 00' E

66° 00' S 01° 00' E

66° 00' S 04° 00' E

65° 00' S 04° 00' E

65° 00' S 07° 00' E

64° 30' S 07° 00' E

Koordinati tal-blokka ta' riċerka 48.6_4

68° 20' S 10° 00' E

68° 20' S 13° 00' E

69° 30' S 13° 00' E

69° 30' S 10° 00' E

69° 45' S 10° 00' E

69° 45' S 06° 00' E

69° 00' S 06° 00' E

69° 00' S 10° 00' E

▼B

Koordinati tal-blokka ta’ riċerka 48.6_5

71° 00’ S 15° 00’ W

71° 00’ S 13° 00’ W

70° 30’ S 13° 00’ W

70° 30’ S 11° 00’ W

70° 30’ S 10° 00’ W

69° 30’ S 10° 00’ W

69° 30’ S 09° 00’ W

70° 00’ S 09° 00’ W

70° 00’ S 08° 00’ W

69° 30’ S 08° 00’ W

69° 30’ S 07° 00’ W

70° 30’ S 07° 00’ W

70° 30’ S 10° 00’ W

71° 00’ S 10° 00’ W

71° 00’ S 11° 00’ W

71° 30’ S 11° 00’ W

71° 30’ S 15° 00’ W

Lista tal-unitajiet ta’ riċerka fuq skala żgħira (SSRUs)

Reġjun	SSRU	Linja tal-konfini
88.1	A	Minn 60 S 150 E, lejn il-Lvant sa 170 E, lejn in-Nofsinhar sa 65 S, lejn il-Punent sa 150 E, lejn it-Tramuntana sa 60 S.
	B	Minn 60° S 170° E, lejn il-Lvant sa 179° E, lejn in-Nofsinhar sa 66° 40’ S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	C	Minn 60° S 179° E, il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° S, lejn il-Punent sa 178° W, lejn it-Tramuntana sa 66° 40’ S, lejn il-Punent sa 179° E, lejn it-Tramuntana sa 60° S.
	D	Minn 65° S 150 E, lejn il-Lvant sa 160 E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 150 E, lejn it-Tramuntana sa 65° S.
	E	Minn 65° S 160° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 68° 30′ S, lejn il-Punent sa 160° E, lejn it-Tramuntana sa 65° S.
	F	Minn 68° 30′ S 160° E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sal-kosta, lejn in-naħa tal-Punent mal-kosta sa 160° E, lejn it-Tramuntana sa 68° 30′ S.
	G	Minn 66° 40′ S 170° E, lejn il-Lvant sa 178° W, lejn in-Nofsinhar sa 70° S, lejn il-Punent sa 178° 50′ E, lejn in-Nofsinhar sa 70° 50′ S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 66° 40′ S.

▼B

Reġjun	SSRU	Linja tal-konfini
	H	Minn 70° 50′ S 170° E, lejn il-Lvant sa 178° 50′ E, lejn in-Nofsinhar sa 73° S, lejn il-Punent sal-kosta, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 170° E, lejn it-Tramuntana sa 70° 50′ S.
	I	Minn 70° S 178° 50’ E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 73° S, lejn il-Punent sa 178° 50’ E, lejn it-Tramuntana sa 70° S.
	J	Minn 73° S mal-kosta qrib 170° E, lejn il-Lvant sa 178° 50′ E, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sa 170° E, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73° S.
	K	Minn 73° S 178° 50’ E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 76° S, lejn il-Punent sa 178° 50’ E, lejn it-Tramuntana sa 73° S.
	L	Minn 76° S 178° 50’ E, lejn il-Lvant sa 170° W, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sa 178° 50’ E, lejn it-Tramuntana sa 76° S.
	M	Minn 73° S mal-kosta qrib 169° 30′ E, lejn il-Lvant sa 170° E, lejn in-Nofsinhar sa 80° S, lejn il-Punent sal-kosta, lejn in-naħa tat-Tramuntana mal-kosta sa 73° S.

PARTI B

NOTIFIKA TAL-INTENZJONI TA’ PARTEĊIPAZZJONI F’ATTIVITÀ TAS-SAJD GĦAL *EUPHAUSIA SUPERBA*

Informazzjoni ġenerali

Membru: .....

Staġun tas-sajd: .....

Isem il-bastiment: .....

Livell mistenni ta’ qabda (tunnellati): .....

Kapaċità tal-ipproċessar ta’ kuljum tal-bastiment: (tunnellati tal-piż ħaj): .....

Subżoni u diviżjonijiet maħsuba għas-sajd

Din il-miżura ta’ konservazzjoni tapplika għan-notifiki tal-intenzjoni għas-sajd għall-krill fis-Subżoni 48.1, 48.2, 48.3 u 48.4 u fid-Diviżjonijiet 58.4.1 u 58.4.2. L-intenzjonijiet għas-sajd għall-krill f’subżoni u f’diviżjonijiet oħra jridu jiġu nnotifikati skont il-Miżura ta’ Konservazzjoni 21-02.

Subżona/diviżjoni	Immarka l-kaxxi xierqa
48.1	☐
48.2	☐
48.3	☐
48.4	☐
58.4.1	☐
58.4.2	☐

▼B

Teknika tas-sajd: Immarka l-kaxxi xierqa

☐ Tkarkir konvenzjonali

☐ Sistema kontinwa ta' sajd

☐ Ippompjar biex titbattal il-manka

☐ Metodu ieħor: (jekk jogħġbok speċifika)

Tipi ta' prodotti u metodi għall-istima diretta tal-piż tal-krill maqbud bix-xbieki

Tip ta' prodott	Metodu għall-istima diretta tal-piż tal-krill maqbud bix-xbieki, fejn rilevanti (irreferi għall-Anness 21-03/B) (1)
Iffriżat sħiħ	
Mgħolli	
Ħut miħun	
Żejt	
Prodotti oħra (jekk jogħġbok speċifika)	

(1) Jekk il-metodu mhuwiex imniżżel fl-Anness 21-03/B, jekk jogħġbok iddeskrivi fid-dettall.

Konfigurazzjoni tax-xibka

Qies tax-xibka	Xibka 1		Xibka 2		Xibka/Xbieki oħra	
Fetħa tax-xibka (bokka)						
Fetħa vertikali massima (m)						
Fetħa orizzontali massima (m)						
Ċirkonferenza tax-xibka fil-bokka (1) (m)						
Erja tal-bokka (m^2)						
Daqs medju tal-malji tal-panew tax-xibka (3) (mm)	Ta' barra (2)	Ta' ġewwa (2)	Ta' barra (2)	Ta' ġewwa (2)	Ta' barra (2)	Ta' ġewwa (2)
L-ewwel panew						
It-tieni panew						
It-tielet panew						
…						
Il-panew finali (manka)						

(1) Mistenni fil-kundizzjonijiet operattivi.
(2) Daqs tal-malji ta' barra, u tal-malji ta' ġewwa meta tintuża inforra.
(3) Qies ta' ġewwa tal-malji stirati abbażi tal-proċedura fil-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01.

Dijagramma/i tax-xibka/xbieki: .....

Għal kull xibka li tintuża, jew għal kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tax-xibka, irreferi għad-dijagramma rilevanti tax-xibka fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk tkun disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ibgħat dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Monitoraġġ u l-Ġestjoni tal-Ekosistemi WG-EMM. Id-dijagramma jew dijagrammi tax-xbieki jridu jinkludu:

1. It-tul u l-wisa' ta' kull panew tax-xibka tat-tkarkir (f'biżżejjed dettall biex jippermetti l-kalkolu tal-angolu ta' kull panew fir-rigward tal-fluss tal-ilma).

▼B

2. Id-daqs tal-malji tax-xibka (il-qies ta' ġewwa tal-malji stirati abbażi tal-proċedura fil-Miżura ta' Konservazzjoni 22-01), l-għamla (eż. għamla ta' djamant) u l-materjal (eż. polipropilen).

3. In-nisġa tal-malji tax-xbieki (eż. bl-għoqiedi, fużi).

4. Dettalji tan-naffara li jintużaw fix-xibka tat-tkarkir (id-disinn, il-post fuq il-panewijiet, indika "l-ebda" jekk ma jintużawx naffara); in-naffara jnaffru lill-krill milli jagħmel ħsara lill-malji jew milli jaħrab.

Apparat ta' esklużjoni tal-mammiferi tal-baħar

Dijagramma(i) tal-apparat: .....

Għal kull tip ta' apparat li jintuża, jew għal kwalunkwe bidla fil-konfigurazzjoni tal-apparat, irreferi għad-dijagramma rilevanti fil-librerija tal-irkaptu tas-sajd tas-CCAMLR jekk tkun disponibbli (www.ccamlr.org/node/74407), jew ibgħat dijagramma u deskrizzjoni dettaljati fil-laqgħa li jmiss tal-WG-EMM.

Il-ġbir tad-data akustika

Agħti t-tagħrif dwar l-ekosondi u s-sonars li jintużaw mill-bastiment

Tip (eż. ekosondi, sonar)			
Manifattur			
Mudell			
Frekwenzi tat-transdjusers (kHz)			

Il-ġbir tad-data akustika (deskrizzjoni ddettaljata): .....

Iddeskrivi l-passi li ser jittieħdu biex tinġabar id-data akustika sabiex jingħata tagħrif dwar id-distribuzzjoni u l-abbundanza tal-*Euphausia superba* u ta' speċijiet pelaġiċi oħra bħall-myctophids u s-salps (SC-CAMLR-XXX, paragrafu 2.10).

LINJI GWIDA GĦALL-ISTIMA TAL-PIŻ ĦAJ TAL-KRILL MAQBUD

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Volum tat-tank tal-ħażna	W*L*H*ρ*1 000	W = il-wisa' tat-tank	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		L = it-tul tat-tank	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		ρ = il-fattur ta' konverżjoni volum għal massa	Varjabbli	Konverżjoni volum għal massa	kg/litru
		H = il-fond tal-krill fit-tank	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	m

▼B

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Apparat li jkejjel il-flussi (1)	$V*F_{krill}*\rho$	V = il-volum tal-krill u tal-ilma flimkien	Speċifiku (1)-għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	litru
		F_{krill} = il-frazzjoni tal-krill fil-kampjun	Speċifiku (1)-għar-refgħa	Korrezzjoni tal-volum tal-apparat li jkejjel il-flussi	—
		ρ = il-fattur ta' konverżjoni volum għal massa	Varjabbli	Konverżjoni volum għal massa	kg/litru
Apparat li jkejjel il-flussi (2)	$(V*\rho)–M$	V = il-volum tal-pejst tal-krill	Speċifiku (1)-għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	litru
		M = l-ammont ta' ilma miżjud fil-proċess, ikkonvertit għal massa	Speċifiku (1)-għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	kg
		ρ = id-densità tal-pejst tal-krill	Varjabbli	Osservazzjoni diretta	kg/litru
Skala tal-flussi	$M*(1–F)$	M = il-massa tal-krill u tal-ilma flimkien	Speċifiku (2)-għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	kg
		F = il-frazzjoni tal-ilma fil-kampjun	Varjabbli	Korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi	—
Tilar	$(M–M_{tray})*N$	M_{tray} = il-massa tat-tilar vojt	Kostanti	Osservazzjoni diretta qabel is-sajd	kg
		M = il-massa medja tal-krill u tat-tilar flimkien	Varjabbli	Osservazzjoni diretta, qabel l-iffriżar, bl-ilma mneħħi	kg
		N = in-numru ta' tilari	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	—
Konverżjoni għal ħut miżbut	$M_{meal}*MCF$	M_{meal} = il-massa tal-ħut miżbut li ġie prodott	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	kg
		MCF = il-fattur ta' konverżjoni għall-ħut miżbut	Varjabbli	Konverżjoni ta' ħut miżbut għal krill shiħ	—

▼B

Metodu	Ekwazzjoni (kg)	Parametru			
		Deskrizzjoni	Tip	Metodu ta' stima	Unità
Volum tal-manka	W*H*L*ρ*π/ 4*1 000	W = il-wisa' tal-manka	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		H = l-għoli tal-manka	Kostanti	Kejl fil-bidu tas-sajd	m
		ρ = il-fattur ta' konverżjoni volum għal massa	Varjabbli	Konverżjoni volum għal massa	kg/litru
		L = it-tul tal-manka	Speċifiku għar-refgħa	Osservazzjoni diretta	m
Oħrajn	Speċifika				

([1]) Refgħa individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew refgħa integrata matul perijodu ta' sitt sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.
([2]) Refgħa individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew perijodu ta' sagħtejn meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

Il-passi u l-frekwenza tal-osservazzjonijiet

Volum tat-tank tal-ħażna

Fil-bidu tas-sajd	Kejjel il-wisa' u t-tul tat-tank tal-ħażna (jekk it-tank mhuwiex ta' għamla rettangolari, jista' jkun meħtieġ kejl addizzjonali; preċiżjoni ± 0,05 m)
Kull xahar ([1])	Agħmel stima tal-konverżjoni volum għal massa derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mit-tank tal-ħażna
Kull refgħa	Kejjel il-fond tal-krill fit-tank (jekk il-krill jinżamm fit-tank bejn ir-refgħat, kejjel id-differenza fil-fond; preċiżjoni ± 0,1 m)
	Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

Apparat li jkejjel il-flussi ([1])

Qabel is-sajd	Kun ċert li l-apparat li jkejjel il-flussi qiegħed ikejjel il-krill sħiħ (jiġifieri, qabel l-ipproċessar)
Iżjed minn darba kull xahar ([1])	Agħmel stima tal-konverżjoni volum għal massa (ρ) derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-apparat li jkejjel il-flussi
Kull refgħa ([2])	Ikseb kampjun mill-apparat li jkejjel il-flussi u:
	kejjel il-volum (eż. 10 litri) tal-krill u tal-ilma flimkien
	agħmel stima tal-korrezzjoni tal-volum tal-apparat li jkejjel il-flussi derivata mill-volum tal-krill mingħajr l-ilma
	Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

▼B

Apparat li jkejjel il-flussi ([2])	
Qabel is-sajd	Kun ċert li ż-żewġ apparati li jkejlu l-flussi (wieħed għall-prodott tal-krill u wieħed għall-ilma miżjud) ikunu kkalibrati (jiġifieri, juru l-istess kejl korrett)
Kull ġimgħa ([1])	Agħmel stima tad-densità (ρ) tal-prodott tal-krill (il-pejst mitħun tal-krill) billi tkejjel il-massa ta' volum magħruf tal-prodott tal-krill (eż. 10 litri) meħuda mill-apparat korrispondenti li jkejjel il-flussi
Kull refgħa ([2])	Ara l-kejl taż-żewġ apparati li jkejlu l-flussi, u kkalkula l-volumi totali tal-prodott tal-krill (il-pejst mitħun tal-krill) u tal-ilma miżjud; id-densità tal-ilma hija meqjusa li hija ta' 1 kg/litru
	Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)
Skala tal-flussi	
Qabel is-sajd	Kun ċert li l-iskala tal-flussi qiegħda tkejjel il-krill sħiħ (jiġifieri, qabel l-ipproċessar)
Kull refgħa ([2])	Ikseb kampjun wieħed mill-iskala tal-flussi u:
	kejjel il-massa tal-krill u tal-ilma flimkien
	agħmel stima tal-korrezzjoni tal-massa tal-iskala tal-flussi derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma
	Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)
Tilar	
Qabel is-sajd	Kejjel il-massa tat-tilar (jekk id-disinn tat-tilari jvarja, kejjel il-massa ta' kull tip; preċiżjoni ±0,1 kg)
Kull refgħa	Kejjel il-massa tal-krill u tat-tilar flimkien (preċiżjoni ± 0,1 kg)
	Għodd in-numru ta' tilari li jintużaw (jekk id-disinn tat-tilari jvarja, għodd in-numru ta' tilari ta' kull tip)
	Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)
Konverżjoni għal ħut mitħun	
Kull xahar ([1])	Agħmel stima tal-konverżjoni ta' ħut mitħun għal krill sħiħ billi tipproċessa bejn 1 000 u 5 000 kg (il-massa mingħajr l-ilma) ta' krill sħiħ
Kull refgħa	Kejjel il-massa tal-ħut mitħun li ġie prodott
	Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

▼B

Volum tal-manka	
Fil-bidu tas-sajd	Kejjel il-wisa' u l-għoli tal-manka (preċiżjoni ± 0,1 m)
Kull xahar ([1])	Agħmel stima tal-konverżjoni volum għal massa derivata mill-massa tal-krill mingħajr l-ilma f'volum magħruf (eż. 10 litri) meħud mill-manka
Kull refgħa	Kejjel it-tul tal-manka li jkun fiha l-krill (preċiżjoni ± 0,1 m)
	Agħmel stima tal-piż ħaj tal-krill maqbud (billi tuża l-ekwazzjoni)

([1]) Jibda perijodu ġdid ladarba l-bastiment imur lejn subżona jew diviżjoni ġdida.
([2]) Refgħa individwali meta tintuża xibka konvenzjonali tat-tkarkir, jew refgħa integrata matul perijodu ta' sitt sigħat meta tintuża s-sistema ta' sajd kontinwu.

▼B

ANNESS VIII

IŻ-ŻONA TA' KOMPETENZA TAL-IOTC

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	22	61 364
Franza	27	45 383
Il-Portugall	5	1 627
L-Italja	1	2 137
L-Unjoni	55	110 511

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad u għall-alonga fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC

Stat Membru	Għadd massimu ta' bastimenti	Kapaċità (tunnellaġġ gross)
Spanja	27	11 590
Franza	41 ([1])	7 882
Il-Portugall	15	6 925
Ir-Renju Unit	4	1 400
L-Unjoni	87	27 797

([1]) Din iċ-ċifra ma tinkludix bastimenti reġistrati f'Mayotte; tista' tiżdied fil-ġejjieni f'konformità mal-pjan ta' żvilupp tal-flotta ta' Mayotte.

3. Il-bastimenti msemmija fil-punt 1 għandhom ikunu awtorizzati wkoll biex jistadu għall-pixxispad u għall-alonga fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC.

4. Il-bastimenti msemmija fil-punt 2 għandhom ikunu awtorizzati wkoll biex jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC.

▼B

ANNESS IX

IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-pixxispad f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	14
L-Unjoni	14

L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC

Spanja	4
L-Unjoni	4